CNI Kampanja Ħelsien Nazzjonali

# L-Iżviluppi li Wasslu għat-Twaqqif ta' l-Istat Federali ta' L-Unjoni Ewropea

**Minn Patrijott Malti**

**Diċembru 2002**

# Indiċi


| | |
|---|---|
| Titolu | 1 |
| Indiċi | 2 |
| Daħla | 3 |
| L-Ewwel Kapitlu | 5 |
| Żviluppi Federalisti | 5 |
| It-Trattat ta' Westphalia u l-Istati Sovrani | 5 |
| Il-Kunċetti Federalisti | 6 |
| Il-Federalisti Jiċħdu l-Istat Nazzjon | 6 |
| Il-Kumpaniji Multinazzjonali | 8 |
| Altiero Spinelli "il-Parrinu ta' l-Unjoni Ewropea" | 8 |
| Id-Dittatur Benito Mussolini fil-Poter | 8 |
| Altiero Spinelli Jintbagħat il-ħabs | 9 |
| Ventotene ssir il-Kwartieri tal-Partit Kommunista Taljan | 9 |
| Żviluppi fl-Italja | 10 |
| Nies li Nfluwenzaw lil Spinelli | 11 |
| Il-Manifest Ventotene | 12 |
| Siltiet mill-Manifest Ventotene | 12 |
| Iż-żmien Opportun | 14 |
| Il-Problema tal-Ġermanja u s-Sagrifiċċju tal-Kumplament | 15 |
| Armata Federali | 16 |
| Istituzzjonijiet Irrevokabbli | 16 |
| Kungress Pan-Amerikan | 18 |
| Laqgħat bil-Moħbi | 18 |
| Jitwaqqaf il-Moviment Federalista Ewropew | 19 |
| Ċentru ta' Pubblikazzjoni f'Milan | 19 |
| Refuġju, Laqgħat u Ippjanar fl-Isvizzera | 20 |
| Għajnuna mis-Segretarju tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes | 21 |
| Laqgħat tal-Federalisti | 22 |
| Dak li Riedu l-Federalisti | 22 |
| Il-Ġermanja ta' Periklu għall-Oħrajn | 23 |
| L-Istati jridu jcedu Aspetti ta' Sovranita' | 24 |
| Htiġijiet biex Pajjiż jissejjaħ Stat | 25 |
| Pajjiż minflok Stat | 25 |
| Iċedu s-Sovranita' | 26 |
| Aspetti tas-Sovranita' Ċeduti - Id-Difiża | 27 |
| Relazzjonijiet ma' Stati Barranin | 27 |
| Il-Każ Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill | 28 |
| Kummerċ Internazzjonali | 29 |
| Il-Komunikazzjonijiet | 30 |
| Lura lejn il-Federalisti Internazzjonali | 31 |
| It-Taljani jibdew il-ħidma | 32 |
| Jikber il-Moviment Federalista Ewropew | 33 |
| Battalji bejn it-Taljani u l-Franċiżi | 34 |
| Altiero Spinelli u Jean Monnet | 34 |
| Problemi fil-Komunitajiet Ewropej | 35 |
| Spinelli u l-Għaqda tal-Kukkudrilli | 35 |
| Superstat Federali Ewropew b'Kolp Wieħed | 36 |
| Il-Karrotta tas-Sussidjarjeta' | 37 |
| Il-Kumitat Dooge | 38 |

## DAĦLA

Il-kontroversja li kienet tqajjmet fil-Gżejjer Maltin bl-applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea qasmet lill-poplu Malti u Għawdxi.

Min naħa tal-Partit u tal-Gvern Nazzjonalista, speċjalment tal-mexxejja Nazzjonalisti, is-sħubija ta' Malta kienet saret l-uniku għan u ossessjoni tagħhom.

Kollox intelaq għal riħu biex l-isforzi kollha jkunu konċentrati biss biex isir dak kollu li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qed tordna li għandu jsir qabel ikun wasal jum id-dħul.

Għalkemm dan irriżulta fl-istraġi ekonomika u t-tifrik fis-setturi kollha ta' l-ekonomija Maltija ordnat mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li l-poplu kollu jaf bihom, mhux l-għan ta' dan il-ktieb li nidħlu f'dan il-qasam.

Madankollu, wieħed ma jistax ma jiġbidx l-attenzjoni għall-kontradizzjoni li Partit li jiftaħar li ġab l-**Indipendenza** ħadem u qiegħed ikompli jaħdem biex jerġa' jġib lil Malta kolonja taħt il-ħakma tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, waqt li l-Partit Laburista kien jemmen li Malta għandha jkollha l-aħjar relazzjonijiet ma' l-Unjoni Ewropea, kif wara kollox għandu jkun hemm ma' kull Stat ieħor fid-dinja kollha u mhux biss ma' l-Unjoni Ewropea, ma kienx jemmen li sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea hija fl-interess ta' Malta.

Wieħed faċli jifhem din il-pożizzjoni meta jiftakar li kienu l-Gvernijiet Laburisti biss li ħadmu bis-sħiħ biex Malta tingħata l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** minn taħt il-ħakma tal-barrani.

Infakkar li kien Gvern Laburista li kien ġab il-**Ħelsien** veru u sħiħ meta neħħa l-bażi militari minn Malta u ħeles mill-aħħar suldati barranin u mill-bażi militari barranija f'Malta.

Għaldaqstant, ma jagħmilx sens li wieħed kien jistenna li l-Partit Laburista jkun favur sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea li kellha twassal biex Malta titlef l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħha.

Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, Malta terġa' tinħakem mill-barrani, inkunu tlifna l-**Indipendenza**, **il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna, nerġgħu niġu kkmandati f'kollox mill-barrani, u nerġgħu nsiru bażi militari tal-barrani fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea.

Huma x'inhuma l-pożizzjonijiet taż-żewġ Partiti, il-poplu jixtieq aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea, kif saret, xi tfisser, x'obbligazzjonijiet timponi fuq l-Istati Membri tagħha, u fuq kollox, kif saret.

Għaldaqstant, f'dan il-ktieb sejrin naraw l-iżviluppi li saru sa minn qabel it-twaqqif ta' l-ewwel Komunita' Ewropea sakemm naslu għat-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea u dak li sar sal-lum.

Naraw ukoll kif żviluppaw ir-relazzjonijiet ma' Malta wara li l-Gvern Nazzjonalista kien tefa' l-applikazzjoni biex isieħeb lil Malta fil-Komunitajiet Ewropew li wara saru l-Unjoni Ewropea.

Minħabba li wieħed dejjem jisma li l-Unjoni Ewropea hija jew qiegħda tippjana li ssir **Stat Federali Ewropew**, l-ewwel ma rridu naraw huwa xi pjani kien hemm mill-federalisti biex jinħoloq **Stat Federali Ewropew** u min kienu dawk il-federalisti li l-aktar ħadmu biex titwaqqaf l-**Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew**.

Madankollu l-ewwel li l-qarrej jinħtieġ li jkun jaf huwa dwar kif saru jew żviluppaw l-**Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**.

# L-Ewwel Kapitlu
# Żviluppi Federalisti

## It-Trattat ta' Westphalia u l-Istati Sovrani

Wieħed jista' jgħid li l-kunċett ta' **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, kien ħareġ wara l-paċi u t-**Trattat ta' Westphalia**[1] li kienu temmew gwerra ta' tletin sena fil-Ġermanja fl-1648.

Dawn it-Trattati kienu kompromess bejn l-insara u l-protestanti, kissru l-**Imperu Qaddis Ruman**[2] billi għarfu s-**Sovranita'** ta' l-Istati Ġermaniżi, stabbilew lil Franza bħala setgħa kbira Ewropea[3], u għamlu lill-Isvezja bħala s-setgħa dominanti fil-Baltiku.

Wara l-ewwel Trattat fl-1642, kienu saru kungressi tal-paċi ġewwa Munster u Osnabruck f'Westphalia, fil-majjistral tal-Ġermanja, fl-1643.

F'Jannar 1648, Spanja u l-Provinċji Magħquda ta' l-Olanda għamlu paċi, Spanja formalment irrikonoxxiet l-**indipendenza** ta' l-Olanda u fl-24 ta' Ottubru 1864, kienu ffirmati t-Trattati l-oħra.

Ferdinandu III ta' l-Imperu Qaddis Ruman kien aċċetta t-talbiet ta' Franza għal Alsace[4] ta' fuq, l-Isvezja akkwistat Bremen u Verden u qasmet Pomerania ma' Brandenburg.

Il-Prinċep ta' Brandenburg akkwista Magdeburg, il-Bavarja żammet il-Palatinate ta' fuq[5], waqt li l-Imperatur irrikonoxxa wkoll l-**indipendenza** ta' l-Isvizzera.

Il-prinċpijiet Ġermaniżi kisbu d-dritt mingħand l-Imperatur li jistgħu jagħmlu allejanzi ma' min iridu u l-għażla tar-reliġjon għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom.

Ir-riżultat kien li barra li l-Imperu Qaddis Ruman kien tista' tgħid spiċċa u nġieb fix-xejn, ħarġu dawk li wieħed jista' jqis bħala l-ewwel **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, bid-drittijiet kollha li Stat normalment għandu skond il-liġi internazzjonali, li kompliet tiżviluppa matul iż-żminijiet kif hija l-karatteristika tal-liġi internazzjonali.

Dawn l-Istati ma baqgħux jagħmlu parti minn xi imperu ikbar li kien jikkmandahom bħal ma kien l-Imperu Ruman, **imma saru jikkmandaw lilhom infushom u jagħmlu dak li jkun jaqbel lilhom.**

Dak huwa li tfisser li tkun **Indipendenti, Ħieles u Sovran.**

[1] Treaty of Westphalia
[2] Holy Roman Empire
[3] Major European power
[4] Upper Alsace
[5] Upper Palatinate

## Il-Kunċetti Federalisti

Tajjeb li issa naraw ftit il-kunċetti federalisti u xi ħaġa dwar il-federalisti, kif ukoll dwar Altiero Spinelli li huwa meqjus bħala l-parrinu ta' l-Unjoni Ewropea, biex nifhmu aħjar l-iżviluppi tal-Komunitajiet Ewropej fil-mixja tagħhom għall-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew permezz ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, se nħallu ftit fil-ġenb l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea u naraw l-iżviluppi li riedu jagħmlu l-federalisti ewlenin, fosthom Altiero Spinelli mill-ewwel snin tas-seklu l-ieħor.

Biex wieħed jifhem il-kunċetti tal-federaliżmu kif ukoll kunċetti oħra bħal ma huma l-ewwel bliet Stati Griegi, il-gwerer u l-paċi u l-ħsiebijiet filosofiċi u prattiċi li jkun hemm warajhom u kif għandu jġib ruħu l-bniedem, kif ukoll il-ħolqien ta' xi awtorita' biex iżżomm l-ordni, kemm fl-Istati kif ukoll bejn l-Istati nfushom, jista' jistudja ħafna kittieba u ħassieba famużi li ħasbu u kitbu fuq dawn l-affarijiet.

Kien hemm filosofi li ħasbu u kitbu fuq dawn l-affarijiet qabel[6] u wara Kristu, kif ukoll kien hemm oħrajn aktar viċin żmienna[7] u anki fi żmienna stess[8]. Fuq dawn l-affarijiet inkitbu u jibqgħu jinkitbu volumi sħaħ.

Madankollu, wieħed m'għandux għalfejn jagħmel dan l-eżerċizzju u jistudja l-filosofi kollha biex jifhem il-ħsiebijiet tagħhom, imma l-aktar li jinteressana huma l-kunċetti federalisti.

Għaldaqstant, flimkien se naraw fil-qosor dak li ħasbu l-Federalisti Internazzjonali, speċjalment dawk Taljani u l-ewlieni fosthom Altiero Spinelli, li kollha kienu strumentali biex l-ewwel twaqqfu l-Komunitajiet Ewropej u wara twaqqfet l-Unjoni Ewropea fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew.

## Il-Federalisti Jiċħdu l-Istat Nazzjon

Il-kunċett federalista huwa li l-**Istat Nazzjon** bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, bl-eżerċizzju esklussiv tas-setgħa tiegħu fit-territorju taħt il-kontroll tiegħu, jiġifieri bla ndħil minn Stati oħra, kif ukoll bid-drittijiet kollha tiegħu skond il-liġi internazzjonali, għadda żmienu.

L-iskuża li jġibu l-federalisti hija li l-Istati ma kienx irnexxilhom jgħixu flimkien fis-sliem u ma jħallux gwerer isiru.

---

[6] Aristotle, "*The Nicomachean Ethics*"u "*The Politics*"*;* Plato; "*The Republic*" u "*The Laws*"*;*
[7] Thomas Hobes, "*Leviathan, or the Matter, Form, and Power of a Comonwealth, Ecclesiastical and Civil*"*;* Jean Jaqcues Rousseau, "*The Social Contract, or Principles of Political Thought*"; John Locke, "*Two Treatises of Government*"*;* Niccholo Macchiavelli, "*The Discourses*"u "*The Prince*"*;* Adam Smith "*The Wealth of Nations*"
[8] Karl Marx u Frederich Engels, "*The Communist Manifesto*"*;* Hans J. Morgenthau, "*Politics and Peace. The Struggle Among Nations*"; E.H. Carr, "*The Twenty Years' Crisis 1919-1939*"; Dougherty James E. & Pfaltzgraff Robert L. Jr., "*Contending Theories of International Relations*"*;* Redhead Brian et. Al. "*Plato to NATO. Studies in Political Thought*"; Michail Gorbachev, "*Perestroika*"*;*

Għaldaqstant, minflok ma raw il-problema fejn tassew kienet u għadha, il-federalisti riedu jagħmlu federazzjoni dinjija bil-ħolqien ta' Gvern Dinji fejn l-Istati kollha jċedu s-**Sovranita'** tagħhom lill-awtoritajiet u istituzzjonijiet federali tiegħu.

Fi kliem ieħor, l-**Istati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** ma jibqgħux **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**, imma jkunu kkmandati f'dak kollu li jagħmlu mill-**Istat Federali**, u l-istituzzjonijiet li Stat normalment ikollu, inkluż il-Parlament, ikunu suġġetti u kkmandati u jkollhom jimxu għal kollox skond ma jordnaw l-**Istituzzjonijiet Federali ta' l-Istat Federali**.

Jekk wieħed jaħseb ftit, il-ħolqien tal-Ġnus Magħquda kien pass f'din id-direzzjoni minkejja li l-Artiklu 2.1 tal-Karta tagħha jgħid li "**L-Organizzazzjoni hija msejsa fuq il-prinċipju tas-sovranita' ugwali ta' l-Istati Membri tagħha kollha.**"[9]

Madankollu, jekk wieħed jara kif l-Istati l-kbar[10] huma membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurta' kif ukoll żammew id-dritt tal-Veto li ebda Stat Membru ieħor tal-Ġnus Magħquda ma għandu, jinduna li l-kbar xorta riedu jibqgħu jikkmandaw u jkollhom saħħa aktar mill-Istati ż-żgħar.

Hawnhekk japplika dak li jgħid tajjeb George Orwell[11] fil-ktieb tiegħu, Ir-Razzett ta' l-Annimali, li **"l-annimali kollha huma ugwali, imma xi wħud huma aktar ugwali mill-oħrajn."**

Il-ħolqien ta' Gvern Dinji kif riedu l-federalisti jkun jinħtieġ li jkollu l-organi kollha li wieħed normalment isib f'kull Stat, bħal ma huma l-armata, il-pulizija, is-servizzi sigrieti, u dak kollu meħtieġ biex Stat ikun jista' mhux biss jiggverna, imma jżomm kontroll sħiħ fit-territorju tiegħu, li fil-kaz ta' Gvern dinji, ikunu meħtieġa biex jiggverna u jżomm kontroll fuq l-Istati kollha tad-dinja.

Kontroll sħiħ ikun jista' jinżamm ukoll fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati kollha biex ma jmorrux jagħmlu xi rivoluzzjoni biex jieħdu l-ħelsien tagħhom u jmorru lura għas-sistema ta' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrana** u ma jibqgħux taħt il-kmand tal-Gvern dinji.

Għaldaqstant, il-Gvern dinji jkollu ħtieġa ta' pulizija, servizz sigriet u armata fuq livell dinji biex ikun jista' jikkontrolla lill-kulħadd u kullimkien f'kull hin.

Il-Gvern dinji kien jinħtieġ li jkollu wkoll politka barranija biex sakemm l-Istati kollha jkunu daħlu taħt il-kmand u l-kontroll tiegħu, ikun jista' jżomm relazzjonijiet magħhom.

Meta mbagħad l-Istati kollha jkunu ddaħħlu fis-sistema federali, ma jkunx hemm ħtieġa aktar ta' politika barranija, għaliex ma jkunx baqa' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** ma min jinżammu r-relazzjonijiet internazzjonali barranin.

---

9 Article 2.1 United Nations Charter

10 Ir-Repubblika taċ-Ċina, Franza, ir-Russja li daħlet minflok l-Unjoni Sovjetika, Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ta' l-Amerika

11 George Orwell, *Animal Farm* "All animals are equal, but some are more equal than others"

Il-federalisti internazzjonali kienu ndunaw li l-ħolma tagħhom ma setgħetx isseħħ fuq livell dinji minħabba li l-popli ma kinux lesti li jaċċettaw il-ħsiebijiet u pjani tagħhom.

Għaldaqstant, huma kien ħasbu biex jibdew idaħħlu fis-seħħ il-ħsiebijiet tagħhom bil-mod billi l-ewwel joħolqu Komunitajiet fl-Ewropa bħala l-ewwel passi biex iwittu t-triq lejn Gvern Dinji.

## Il-Kumpaniji Multinazzjonali

Illum wieħed jista' jgħodd mal-federalisti lill-kumpaniji kbar tal-**pajjiżi kolonizzaturi** u **ex-kolonizzaturi** li riedu jibqgħu jesplojtaw ir-riżorsi ta' dawk li qabel kienu kolonji tagħhom, kif ukoll il-**kumpaniji multinazzjonali** kollha li jaraw kif **jesplojtaw lill-ħaddiema tad-dinja kollha biex dejjem iżidu l-qligħ enormi tagħhom**.

Il-kumpaniji multinazzjonali mhux biss imorru kull fejn ikunu jistgħu jiffrankaw sa l-inqas ċenteżmu biex fl-istess waqt ikabbru l-qligħ enormi tagħhom, imma hekk kif il-ħaddiema ta' xi pajjiż jibdew jiġu organizzati u jitolbu d-drittijiet tagħhom, huma jkunu lesti biex jitilqu u jmorru f'pajjiż ieħor.

Għaldaqstant, wieħed jista' jqis lill-kumpaniji multi-nazzjonali bħala wieħed mill-mezzi li permezz tagħhom qiegħed jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-federalisti, dak tal-globalizzazzjoni fejn is-suq tax-xogħol ikun meqjuż bħala wieħed dinji u l-imprenditur ikun jista' jesplojta lill-ħaddiema billi jekk ma joqgħodux għall-kundizzjonijiet tiegħu jew jitolbu zjiediet fil-pagi jew kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol imur f'post ieħor.

## Altiero Spinelli "il-Parrinu ta' l-Unjoni Ewropea"

Altiero Spinelli huwa meqjus u msejjaħ bħala l-parrinu ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-laqam ma ġiex mix-xejn, imma minħabba l-ħidma tiegħu biex jinħoloq Stat Federali Ewropew fejn l-Istati Membri jgħaddu s-sovranita' tagħhom lill-Istat Federali.

Biex wieħed jifhem min kien Altiero Spinelli, se naraw ftit l-istorja tiegħu kif ukoll dak li kien imdaħħal fih.

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li **Altiero Spinelli kien Kommunista, Leninista u Stalinista** Taljan.

Huwa kien twieled ġewwa Ruma fis-sena 1907, sentejn wara li Lenin kien għamel l-ewwel kolp ta' Stat ġewwa San Pietruburgu[12], fir-Russja. Huwa kien miġbud lejn l-ideat ta' Lenin u Trotski.

## Id-Dittatur Benito Mussolini fil-Poter

Wara li Benito Mussolini u l-Faxxisti tiegħu li kienu jilbsu qomos suwed biex jiddistingwu ruħhom kienu ħadu s-setgħa fl-Italja f'Ottubru 1922, il-kommunisti kienu fuq quddiem nett biex jirreżistuhom.

[12] Saint Petersburg

Għaldaqstant, Spinelli u oħrajn bħalu kienu attivi fir-reżistenza snin qabel ma bdiet it-tieni gwerra dinjija, li ġabet magħha l-qawmien ta' movimenti ta' reżistenza madwar l-inħawi kollha ta' l-Ewropa li kienu maħkuma min-Nazisti.

Fi żmien erba' snin, Mussolini kien sar dittatur assolut ta' l-Italja. Tajjeb li hawnhekk infakkar li Mussolini kellu ħafna ammiraturi Maltin fil-Partit Nazzjonalista, bħal ma kellu wkoll id-Dittatur Francesco Franco ta' Spanja[13].

L-oppożizzjoni anti-faxxista fl-Italja li kienet magħmula minn partiti differenti, kienet riformata kemm-il darba. Hija ħaġa naturali li aktar ma jkollok ideat differenti aktar ikollok nuqqas ta' qbil dwar fejn, kif u meta trid tasal u aktar tkun trid tibdel.

Dawk li kienu qed jirreżistu lill-faxxisti kellhom jagħmlu dan minn pajjiżi oħra, l-aktar minn Franza, imma anki, għalkemm b'inqas effett, mill-Istati Uniti u mill-Amerika t'isfel.

Dawk li baqgħu fl-Italja u kienu jsemmu leħinhom kienu jittellgħu quddiem it-Tribunal Speċjali ta' Mussolini u kienu jintbagħtu snin twal il-ħabs.

**Altiero Spinelli Jintbagħat il-Ħabs**

Fis-6 ta' April 1928, kienu saru serje ta' arresti kontra l-mexxejja kommunisti tal-Partit Kommunista Taljan, fejn Altiero Spinelli kien ġie arrestat u mressaq quddiem it-Tribunal Speċjali ta' Mussolini.

Huwa kien intbagħat il-ħabs u għamel 12-il sena jintbagħat minn ħabs għall-ieħor sakemm fl-aħħar intbagħat biex jgħaddi sitt snin oħra fil-gżejjer ħabs ta' Ponza u Ventotene[14].

**Għalkemm sakemm dam il-ħabs kien rattab daqsxejn l-ideat Stalinisti tiegħu, Spinelli dejjem baqa' kommunista Stalinista.**

**Ventotene ssir il-Kwartieri tal-Partit Kommunista Taljan**

Il-gżira ta' Ventotene kienet qed tintuża bħala ħabs biex kemm jista' jkun, il-priġunieri politiċi li ma kinux jaqblu ma' Mussolini jew li kienu jopponuh, kienu jinqatgħu minn mal-kumplament taċ-ċittadini Taljani, anki dawk li kienu f'ħabsijiet oħra.

Tant kien hemm priġunieri kommunisti fuq il-gżira ta' Ventotene, li din il-gżira saret effettivament il-kwartieri bil-moħbi tal-Partit Kommunista Taljan.

Il-kommunisti komplew żdiedu bil-kbir fuq il-gżira wara l-waqa' ta' Pariġi f'Ġunju 1940, meta l-kommunisti u oħrajn li kienu qed jopponu lil Mussolini kienu ntbagħtu

[13] Herbert Ganado kien ħabbar f'Leħen is-Sewwa li "Dħalna Madrid", waqt li fil-25 ta' Ottubru 1936 waqt il-funzjoni ta' Kristu Re fuq il-fosos tal-Furjana, Monsinjur Albert Panteleresco kien qara riżoluzzjoni u bagħat telegramm lill-Franco li skond it-Times of Malta tat-28 ta' Ottubru 1936 kien jgħid li "Malta Kattolika, miġbura bl-eluf tagħha, fil-festa ta' Kristu Re, f'għaqda ta' spirtu, titlob u tawgura rebħa finali lill-armi ta' Spanja Kattolika."

[14] Il-Gżira ta' Ventotene tinsab fil-Ġolf ta' Gaeta bejn Ruma u Napli 'il barra mill-kosta Taljana

lura lejn l-Italja fejn intbagħtu l-ħabs fuq il-gżira ta' Ventotene mit-Tribunal Speċjali ta' Mussolini. B'hekk, dak iż-żmien, il-priġunieri fuq il-gżira kienu jlaħħqu madwar elf ruħ.

## Żviluppi fl-Italja

Spinelli kien jemmen bis-sħiħ li żmien l-**Istat Nazzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran** kien għadda żmienu. Huwa kien influwenzat mill-ideat federalisti ta' Giuseppe Mazzini[15] u Carlo Cattaneo.

Spinelli kien influwenzat ukoll mill-priġunier sieħbu Ernesto Rossi[16] u mill-kitbiet tal-Professur Einaudi, li wara l-ewwel gwerra kien jikteb ittri u artikli fil-gazzetti kontra s-sovranita'.

Il-Professur Einaudi kien jikteb taħt l-isem ta' **Junius**[17] fil-**Corriere della Sera**, fejn kien jikkritika l-pjan tal-**Lega tan-Nazzjonijiet**[18], dik li qabel kienet l-organizzazzjoni dinjija minflok il-**Ġnus Magħquda**, dwar il-pjan tagħha minħabba li kienet ħalliet is-**Sovranita'** bla mittiefsa.

Il-Professur Einaudi ried Ewropa msejsa fuq l-Istati Uniti ta' l-Amerika jew l-għaqda Ingliża ma' l-Iskozja, bis-setgħa li tintaxxa, armata waħda, u kontroll fuq id-dwana, il-komunikazzjonijiet bil-posta u l-ferroviji.

Huwa kien ukoll ta' ispirazzjoni għal kittieba oħra li kienu jiktbu fuq l-istess linji, bħal ma kienu Giovanni Agnelli tal-FIAT**,** u Attilio Cabiati[19].

**Wieħed mill-ewwel jinduna li dawn il-prinċipji u ħsiebijiet huma dak li diġa' saret illum l-Unjoni Ewropea, fejn mhux biss l-Istati Membri ċedew is-sovranita' tagħhom fuq l-affarijiet imsemmija inkluż it-taxxi u l-kontroll fuq id-dwana, imma issa l-Unjoni Ewropea saħansitra għandha wkoll l-armata tagħha u politika barranija u ta' sigurta' komuni.**

Matul l-ewwel gwerra dinjija, is-Soċjalisti Taljani mexxew 'il quddiem l-idea ta' **Federazzjoni Ewropea**.

Fl-1916, ir-Rivoluzzjonarju Soċjalista Giuseppe Modigliani kiteb fil-ġurnal "**Avanti**", li "Stati Uniti ta' l-Ewropa" kienet ir-riżultat li ma setgħax jinħarab tal-progress li **jfarrak il-fruntieri nazzjonali** u jisforza l-**ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda** li s-Soċjalisti setgħu jieħdu f'idejhom.

[15] Giuseppe Mazzini kien patrijott Taljan li ried jgħaqqad lill-Italja. Huwa kien jippubblika ġurnal bl-isem ta' **"**Giovane Italia**".** Huwa kien ġie eżiljat ġewwa Londra fl-1837 u fl-1848 kien rritorna bħala dittatur ta' Roma Repubblica li kellha għomor qasir wara li kienet ġiet imfarrka mit-truppi Franċiżi
[16] Ernesto Rossi 1897 – 1967, kien fundatur tal-Partit Giustizia e Liberta' u kien ukoll Ministru tar-Rikostruzzjoni tal-Gvern Taljan fl-1945
[17] Junius
[18] Luigi Einaudi "La Societa della Nazione e un ideale possibile?" Corriere della Sera tal-5 ta' Jannar 1918
[19] Giovanni Agnelli u Attilo Cabiati "*Federazione Europea o Lega dell Nazione?*", Turin, 1918

Bejn iż-żewġ gwerer, il-Federazzjoni Ewropea kienet parti mill-politika tal-partit Giustizia e Liberta, li kif rajna kien imwaqqaf minn Ernesto Rossi. Dan il-Partit kien ispirat ukoll mis-Soċjalist Emilio Lusso u Carlo Rosselli[20].

Il-'Ġellisti'[21], li kienu koalizzjoni bejn is-Soċjalisti u l-Liberali, riedu riforma agrarja[22], kooperattivi, utilitajiet pubbliċi[23] Soċjalisti u taxxa tad-dħul progressiva[24].

Il-'Ġellisti' żjiedu fil-popolarita' minkejja l-periklu li kien hemm għal kull min kien jopponi lil Mussolini. Sa l-1933, huma kellhom 800 jseqwuhom ġewwa Ruma, u madwar 3,000 oħra fin-nofs u n-naħa t'isfel ta' l-Italja.

Biex jitfarrku l-mexxejja ġewwa Milan, f'Mejju 1931, it-Tribunal Speċjali ta' Mussolini kien ikkundanna lill-mexxej Gellista ġewwa Milan, il-Professur Ernesto Rossi, flimkien mal-kollega tiegħu Riccardo Bauer, għal għoxrin sena ħabs.

Rossi kien ilu jaħdem bil-moħbi għal xi snin, tant li darba kellu jaħrab lejn Franza għal erba xhur meta kien inqabad idaħħal bil-moħbi materjal ta' propaganda mill-fruntiera Taljana. Huwa kien intbagħat ukoll fuq l-gżira ħabs ta' Ventotene.

## Nies li Nfluwenzaw lil Spinelli

Minħabba li Ventotene hija gżira, kienet tmur dgħajsa darbtejn fil-ġimgħa biex tieħu l-provvisti. Din kienet isservi wkoll biex il-Professur Einaudi kien jibgħat materjal federalista biex sieħbu Rossi kien ikollu x'jaqra, waqt li kienu jintbagħtu wkoll affarijiet oħra klandestinament.

M'hemmx għalfejn ngħidu li din id-dgħajsa kienet isservi wkoll biex jinżammu l-kuntatti bejn dawk eżiljati fuq il-gżira u sħabhom fl-Italja li kienu qed jaħdmu bil-moħbi.

Fost dawk li influwenzaw ukoll bil-qawwi lil Spinelli bil-materjal li kien jintbagħat mill-Professur Einaudi, kien hemm ir-rivoluzzjonarji Amerikani tas-seklu tmintax[25].

Kien hemm ukoll nies ta' żmienu bħal ma kienu Sir Walter Layton[26] ta' l-Economist, l-Amerikan Clarence Streit[27], Sir William Beveridge[28] u Barbara Wootton[29], li kollha kienu jmexxu 'l quddiem l-idea ta' Federazzjoni Ewropea.

---

[20] Rosselli kien wieħed minn żewġ aħwa li kienu studenti flimkien ma' Rossi. Huwa kien ġie assassinat fi Franza fl-1937

[21] Ġellisti

[22] Biedja

[23] Utilitajiet pubbliċi huma dawk li jipprovdu ċerti servizzi bħal ma huma l-elettriku, ilma u servizzi oħra

[24] Taxxa tad-dħul fejn aktar ma taqla aktar tħallas taxxa b'rata ikbar

[25] Hamilton, Jay u Madison

[26] Li aktar tard sar Lord. Min-naħa tiegħu, Leyton kien jemmen li federazzjoni kienet tajba għall-Ewropa imma mhux għar-Renju Unit. Huwa kien partikolarment influwenzjali mill-1922 sa' l-1938 meta kien editur ta' "The Economist" u aktar tard iċ-Chairman tiegħu. Fis-snin ħamsin, meta huwa kien deputat mexxej tal-Partit Liberali Ingliż fil-House of Lords, huwa kien bidel fehemtu u qal li r-Renju Unit kellu jkun parti minn Ewropa Federali.

[27] Clarence Streit kien qajjem agħa sħiħa meta fl-1939 kien ippubblika *"L-Għaqda Issa", "Union Now"* fejn kien issuġġerixxa federazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Amerika bħala nukleju ta' ħmistax-il pajjiż demokratiku.

Fil-fatt, f'diskors li kien għamel fl-1957, Spinelli kien ammetta l-importanza tal-letteratura Anglo-Amerikana li kien irċieva ġewwa Ventotene.

Huwa qal li kien jgħaddi ż-żmien jittraduċi l-ktieb tal-Professur Harold Robbins "**Il-Kawżi Ekonomiċi tal-Gwerra**"[30] għat-Taljan.

Spinelli kien ikkummenta li 'l-letteratura Ingliża ta' qabel il-gwerra kienet mill-aqwa u ***"anki superjuri għal-letteratura medja Kontinentali … il-moviment Taljan xorob ħafna mill-Ingliżi"***[31]**.**

## Il-Manifest Ventotene

Fuq il-gżira ta' Ventotene, il-mexxejja tal-priġunieri federalisti kienu Spinelli, Rossi[32], Eugenio Colorni[33], Enrico Giussani, Dino Roberto u Giorgio Braccialarghe.

Għalkemm huma kollha kienu għenu fit-tfassil tal-**Manifest ta' Ventotene**[34] li kien dwar Ewropa Ħielsa u Magħquda, l-aktar li kien dominanti kien Spinelli.

F'Lulju ta' l-1941, Rossi kien irnexxilu joħroġ biċċiet mill-Manifest lejn l-Italja. Il-mara tiegħu Ada kien irnexxila toħroġ il-versjoni aħħarija, li kienet miktuba fuq karti tas-sigaretti u moħbija fil-qiegħ falz ta' kaxxa tal-landa, lura magħha lejn l-Italja.

Minkejja li kien miktub fuq il-karti tas-sigaretti, dan kien dokument twil ħafna li kien sar magħruf bħala l-manifest ta' Ventotene li kien influwenza l-Partiti Taljani ta' wara l-gwerra.

Il-Manifest Ventotene kien sar dokument fundamentali tal-**Moviment Federalista Ewropew.**

## Siltiet mill-Manifest Ventotene

X'kien fih dan il-Manifest maħsub minn Spinelli u sħabu fuq il-gżira ta' Ventotene?

Fil-Manifest, Spinelli kien argumenta li għaqda Federali Ewropea kellha tkun fuq quddiem nett għall-Italja wara l-gwerra. Il-ħaddiema kollha tal-pajjiżi Kapitalisti u Kommunisti kellhom jinħelsu.

Fil-fatt, meta wieħed jara din is-silta jaħseb li qiegħed jaqra xi manifest kommunista. Spinelli kien kiteb li,

**"Ewropa ħielsa u magħquda…tqajjem mill-ewwel fis-sħiħ il-proċess storiku tal-ġlieda kontra l-inugwaljanzi soċjali u l-privileġġi. L-istrutturi kollha qodma konservattivi li fixklu dan il-proċess ikunu sfaxxaw jew ikunu fi stat li**

---

[28] Li aktar tard sar Lord
[29] Li aktar tard saret Professoressa, Barunissa u deputat speaker tal-House of Lords
[30] "The Economic Causes of War"
[31] G. Grove Haines ed. *European Integration*, 1957
[32] Li sa dak iż-żmien kien kisirha ma' sħabu l-'Ġellisti'
[33] Li kien kap tal-Partit Soċjalista sakemm ġie arrestat fl-1938
[34] Ventotene Manifesto, li kien ħa ismu minħabba li kien tfassal fuq il-gżira ta' Ventotene

**jisfaxxaw…Biex twieġeb għall-ħtiġijiet tagħna, ir-rivoluzzjoni Ewropea trid tkun soċjalista…"**[35]

Dwar il-proprjeta', Spinelli kien aktar flessibbli meta kiteb fil-manifest u kkritika li,

**"Il-prinċipju dottrinali li l-mezzi materjali tal-produzzjoni jkunu proprjeta' privata jridu, bħala regola ġenerali, jitneħħew,"**[36]

minħabba li fir-Russja Stalinista,

**"il-popolazzjoni kollha kienet suġġetta għal ċellola ristretta ta' burokratiċi li jmexxu l-ekonomija"**[37]**.**

**Jekk wieħed jara kif qed titmexxa l-Unjoni Ewropea llum bil-burokratiċi jiddeċiedu kollox minn Brussell u ċ-ċittadini u l-Istati Membri jobdu b'għajnejhom magħluqa, japplika perfettament għall-Unjoni Ewropea dak li qal Spinelli għall-mexxejja kommunisti li kien hemm fir-Russja dak iż-żmien, jiġifieri fi żmien Lenin.**

Spinelli kompla jgħid li,

**"Il-forzi tal-progress iridu jiġu mfaħħra u mkabbra…u fl-istess ħin…l-ostakli li ggwidaw dawn il-forzi…iridu jiġu msaħħa u pperfezzjonati. Il-proprjeta' privata trid tiġi mneħħija, limitata u korretta jew imtawwla : każ b'każ, mhux dommatikament skond il-prinċipju"**[38].

Jekk wieħed jara x'hemm fl-Unjoni Ewropea llum, u anki f'pajjiżi oħra, isib li huma l-kumpaniji l-kbar u l-kumpaniji multinazzjonali kif ukoll is-sinjuruni l-kbar li għandhom il-maġġoranza tal-proprjeta' u l-mezzi ta' produzzjoni, u li kif xi ħadd ikun qiegħed jipprova jingħaqad jew jikkompeti magħhom jaraw kif jagħmlu biex ifarrkuh.

Għaldaqstant, il-proprjeta' privata veru li ġiet imneħħija u limitata, imma mingħand iċ-ċittadini ż-żgħar biex kompliet ittieħdet mill-kbar. Hija biss għall-maġġoranza taċ-ċittadini ż-żgħar li l-proprjeta' ġiet limitata, u mhux għas-sinjuruni u l-kumpaniji l-kbar li l-biljuni kbar li kellhom baqgħu dejjem jiżdiedu u l-fqar dejjem jiftaqru iżjed.

Spinelli kien ċert li wara t-telfa tal-Ġermanja kien se jkun hemm żmien ta' kaos, wara ssir rivoluzzjoni, u jkun il-waqt li l-popli jkunu jistgħu jiġu influwenzati, tant li jgħid li meta,

---

[35] "A free and united Europe…will immediately revive in full the historical process of the struggle against social inequalities and privileges. All the old conservative structures which hindered this process will have collapsed or will be in a state of collapse…In order to respond to our needs, the European revolution must be socialist…"

[36] "Doctrinaire principle that the private ownership of the material means of production must, as a general rule, be abolished"

[37] "The entire population was subject to a restricted cell of bureaucrats who ran the economy"

[38] "The forces of progress must be extolled and extended…at the same time…the barriers which guided these forces…must be strengthened and perfected. Private property must be abolished, limited corrected or extended: instance by instance, not according to principle"

**"Il-gvernijiet li jkunu waqgħu jkunu mkissra, li matulu l-mases popolari jkunu anzjużi jistennew messaġġ ġdid u huma, sadanittant, bħal xi ħaġa mdewwba, taqbad, kapaċi li jkunu mferra ġo forom ġodda, kapaċi li jilqgħu l-gwida ta' internazzjonalisti serji…"**[39]

Li ried ifisser Spinelli kien li minħabba li l-Gvernijiet ikunu mħarbta jew ma jkunx hemm gvernijiet, il-mases tal-popli li jkunu mxebba bis-sistema li kien hemm qabel u t-taħwid li jkun hemm ikun faċli li wieħed jinfluwenzahom biex jaċċettaw il-ħsibijiet alternattivi tiegħu u ta' sħabu l-federalisti, u għalhekk ikunu lesti li jħallu lil min jinfluwenzahom u jmexxihom.

Spinelli kien qabbel il-massa tal-popli ma xi materjal li waqt li jkun imdewweb u jaħraq, ikun faċli li wieħed iferrgħu u/jew jgħaġnu f'forom differenti li jkun irid jagħtih.

Biex nieħdu eżempju, jekk wieħed ikollu d-deheb, ċomb, ħadid, bronż u materjali oħra li kif jaf kulħadd normalment ikunu iebsa u tbati ħafna biex taħdimhom, jekk ikunu msaħħna u mdewwba jkunu jistgħu jintefgħu fil-forom u jinħadmu kif wieħed ikun irid bla tbatija.

Għaldaqstant, Spinelli kien qiegħed iqabbel il-popli ma' materjal bħal dan, li jfisser li minkejja li normalment il-popli ma tantx iħallu min jinfluwenzahom, il-fatt li jkunu għadhom kif ħarġu minn gwerra, ikunu mxebba mis-sitwazzjoni li kienu fiha, u fl-istess ħin il-gvernijiet tagħhom ikunu għadhom imħarbta, kien ikun aktar faċli għal Spinelli u għall-federalisti internazzjonali li jinfluwenzawhom u jagħġnu l-ħsibijiet tagħhom kif ikunu jridu u jkun jaqbel lilhom.

Wieħed malajr jista' jqabbel il-ħsiebijiet ta' Spinelli ma dak li ġara f'Malta, fejn l-affarijiet kollha li kienu tal-poplu flimkien ma l-ekonomija ġew imħarbta u mfarrka biex il-poplu jiġi faċilment magħġun u mġieghel jemmen li l-Unjoni Ewropea hija l-unika salvazzjoni tiegħu. Qed taraw kif l-istorja tirrepeti ruħha?

## Iż-Żmien Opportun

Wieħed jinduna li Spinelli kien ħassieb tajjeb, jaf jippjana, u jaf tajjeb ukoll meta għandu jagħżel il-waqt biex imexxi 'l quddiem l-idejat tiegħu u tal-federalisti l-oħra, meta jgħid li,

**"Il-waqa' tal-biċċa 'l kbira ta' l-Istati tal-kontinent taħt ir-romblu Ġermaniż ġa poġġiet id-destin tal-popolazzjonijiet Ewropej fuq art komuni : jew kollha flimkien jissottomettu ruħom għad-dominazzjoni ta' Ħitler, jew kollha flimkien jerġgħu jidħlu fi kriżi rivoluzzjonarja wara l-waqa' tiegħu …. Iċ-ċirkostanzi bħalissa huma favorevoli għall-ideal tagħna"**[40].

---

[39] "The fallen governments lie broken, during which the popular masses anxiously await a new message and are, meanwhile, like molten matter, burning, susceptible of being poured into new moulds, capable of welcoming the guidance of serious internationalists…"

[40] "The collapse of the majority of the states of the continent under the German steam-roller has already placed the destinies of the European populations on comon ground: either all together they will submit to Hitler's dominion, or all together theywill enter a revolutionary crisis after his fall…Circumstances were now favourable to our ideal."

## Il-Problema tal-Ġermanja u s-Sagrifiċċju tal-Kumplament

Spinelli kien jaħseb li jekk l-Istati Ewropej jispiċċaw minħabba li jkun hemm biss federazzjoni Ewropea, kienu jkunu maħlula problemi oħra, fosthom il-problema Ġermaniża. Huwa kiteb li,

**"Il-ħafna problemi li bħalissa jivvalenaw il-ħajja internazzjonali fuq il-kontinent urew li ma jistgħux jinħallu: li tintraċċa fruntieri bejn inħawi abitati minn popolazzjonijiet imħallta, difiża ta' minoritajiet, portijiet għal Stati li huma mdawwrin bl-art, il-kwistjoni tal-Balkani, il-problema Irlandiża, u aktar. L-affarijiet kollha jsibu soluzzjoni faċli fil-federazzjoni Ewropea."**[41]

Minn din is-silta naraw li biex isolvi l-problemi eterni li kienet ħolqot kemm-il darba l-Ġermanja u l-ambizzjonijiet militari u espansjonistiċi tagħha, Spinelli ried jissagrifika l-kumplament ta' l-Ewropa biex jinħoloq Stat Federali Ewropew li l-Istati Membri tiegħu jċedu s-sovranita' u l-kontroll fl-oqsma l-aktar importanti lilu, u li dan l-Istat Federali jkollu s-saħħa li ma jħallix lill-Ġermanja terġa' tagħmel l-istess kif kienet għamlet kemm-il darba qabel.

Dan kien l-istess prinċipju tal-Leviathan ta' Hobbes, fejn kulħadd iċedi d-drittijiet tiegħu lil dan il-ħolqien ta' saħħa terribbli, li kulħadd ikollu joqgħod għall-ordnijiet tiegħu, u li min-naħa tiegħu kien jipprovdi protezzjoni lil kull wieħed jekk jiġi attakkat minn l-ieħor.

Dak li Hobbes sejjaħ bħala Leviathan tant ikollu saħħa u jkun terribbli li kullħadd ikollu bilfors jobdi minnu jew ibati konsegwenzi serji ħafna.

**Il-problema l-kbira, imma, hija min kien se jikkontrolla lill-Istat Federali Ewropew biex ma jagħmilx agħar milli kienet għamlet il-Ġermanja jew kull Stat ambizzjuż ieħor. Jew, kif jingħad, min se jgħasses lill-għassies.**

L-argument huwa li jekk l-Istat Federali Ewropew ikun tant b'saħħtu u terribbli li ħadd ma jkun jista' jagħmillu xejn u kulħadd ikollu jobdi u joqgħod għal dak kollu li jordna l-Istat Federali Ewropew, ikun li jkun dak li jordna, dak li jkun sar ikun biss il-ħolqien ta' mostru dittatorjali aqwa milli qatt kien hemm qabel.

L-istituzzjonijiet ta' dan l-Istat Federali Ewropew ikunu biss istituzzjonijet dittatorjali li jmexxu 'l quddiem u jħarsu biss l-għanijiet u l-interessi ta' l-Istat Federali dittatorjali.

Wieħed jista jaħseb ftit u jistaqsi jekk l-iżviliuppi li saru sal-lum fl-Unjoni Ewropea, fejn l-Istati Membri kollha dejjem qed jitilfu kull ħjiel ta' sovranita' flimkien mad-drittijiet kollha tagħhom skond il-liġi internazzjonali u jkollhom joqgħodu għal dak kollu li jiddeċiedu l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, wasslux lill-Unjoni Ewropea f'dan l-istat ta' dittatorjat bl-istituzzjonijiet tagħha jipperpetwaw is-sitwazzjoni dittatorjali fl-interess tagħhom u ta' l-Istat Federali?

---

[41] The multiple problems which poison international life on the contijnent have proved to be insoluble: tracing boundaries through areas inhabited by mixed populations, defence of minorities, seaports for landlocked countries, the Balkan question, the Irish problem, and so on. All matters which should find easy solutions in the European federation"

## Armata Federali

L-idejat ta' Spinelli kienu li l-funzjonijiet ta' Stat jiġu ċentralizzati fl-istituzzjonjiet ta' l-Istat Federali u ftit jibqa' ħelsien għan-nazzjonijiet l-antiki u l-istituzzjonijiet tagħhom, fejn l-Ewropa l-ġdida,

**"jkollha għad-dispożizzjoni tagħha servizz armat Ewropew minflok armati nazzjonali; biex tkisser deċiżivament qawwiet ekonomiċi, is-sinsla ta' reġimi totalitarji; … mezzi biżżejjed biex tara li dak li tiddeċiedi fuq iż-żamma ta' l-ordni komuni jkunu esegwiti f'kull wieħed mill-istati federali, waqt li kull stat iżomm awtonomija li jkun jinħtieġ biex imexxi u jiżviluppa il-ħajja politika skond il-karatteristiċi partikolari tal-poplu tiegħu."**[42]

Wieħed faċilment jifhem jekk l-Unjoni Ewropea imxietx fuq il-ħsibijiet ta' Spinelli kif magħmula fil-Manifest ta' Ventotene, meta mhux biss għamlet il-pulizija tagħha msejħa Europol, ipproponiet il-liġi kriminali tagħha, jiġifieri il-Corpus Juris li ħafna partijiet minnha daħlu taħt xi forma jew oħra, il-mandat ta' arrest Ewropew, u issa għandha wkoll l-armata tagħha.

## Istituzzjonijiet Irrevokabbli

Fit-tieni karta, Spinelli jirrakkomanda li l-Istati Uniti ta' l-Ewropa għandha,

**"Twaqqaf ftit istituzzjonijiet federali sempliċi, li jkunu solidi, irrevokabbli, u mifhuma faċilment. Ma tkunx meħtieġa li tinkwieta wisq fuq problemi nazzjonali individwali. Il-federazzjoni tipprovdi l-ordni interna meħtieġa li għaliha l-forzi progressivi jaġġustaw naturalment u li minnha jieħdu l-karattru futur tagħhom."**[43]

Innutaw l-użu tal-kelma ***"irrevokabbli"***, jiġifieri li ma jkunux jistgħu jitħassru, jitneħħew jew jitreġġgħu lura. Din bħal ma qal Prodi dwar id-dħul fl-Unjoni Ewropea, li la darba tissieħeb ma tistax terġa' lura jew tibdel id-deċiżjoni li tkun ħadt, għax is-sħubija hija bħaż-żwieġ u tkun għal dejjem.

Li nesa Prodi kien li fl-Istati Membri kollha, barra s'issa f'Malta, hemm id-divorzju, u kull min ikun iżżewweġ u jsib li l-parti l-oħra jew xi ħaddieħor kienu qarrqu biha, dik il-parti ghandha kull dritt li titlob **id-divorzju** u anki **l-annullament**.

Għalhekk, minħabba li ċ-ċittadini Maltin ġew imqarrqa biex jaghtu l-kunsens tagħhom ghas-sħubija, huma ghandhom kull dritt li jiddeċiedu li jiddivorzjaw lill-Unjoni Ewropea bħal meta wieħed jiżżewweġ u jsib li kien ġie mqarraq, minkejja dak

[42] "have at its disposal a European armed service instead of national armies; to break decisively economic autarchies, the backbone of totalitarian regimes;… sufficient means to see that its deliberations for the maintenance of common order are executed in the single federal states, while each state will retain the autonomy it needs for a plastic articulation and development of political life according to the particular characteristics of its people."

[43] "Settin up a few simple federal institutions, which must be solid, irrevocable and easily understood. It will not be necessary to trouble much with individual national problems. The federation would provide the necessary internal order to which progressive forces would naturally adjust and from which they would derive their future character."

li jgħid Prodi u l-mexxejja laghaqa mixtrija Maltin li biegħu ruħhom u ġiehom lill-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll il-kelma ***solidi***, kif inhuma l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li l-Istati Membri jkollhom jobdu dak kollu li jiġu ordnati jagħmlu jew ikollhom ibatu l-konsegwenzi.

Dwar jekk dawn l-istituzzzjonijiet humiex mifhuma faċilment wieħed jista' jħares lejn l-akkużi ta' nuqqas ta' demokrazija u ta' korruzzjoni li għaddejjin il-ħin kollu kontra l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll in-nuqqas ta' nteress taċ-ċittadini tal-pajjiżi membri fl-istituzzjonijiet tagħha.

Innutaw ukoll li Spinelli qal ukoll li l-federazzjon **"ma tkunx meħtieġa li tinkwieta wisq fuq problemi nazzjonali individwali".**

Eżattament kif kienu jagħmlu minn dejjem il-Komunitajiet Ewropej u l-istituzzjonjiet federali tagħhom u eżattament kif kompliet tagħmel l-Unjoni Ewropea bl-istituzzjonijiet federali tagħha.

L-interessi ta' l-istituzzjonijiet federali u ta' l-Unjoni Ewropea huma biss l-interessi federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux l-interessi ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri jaħsbu huma kif se jsolvu l-problemi maħluqa mill-istess istituzzjonijiet federali, u mhux l-istituzzjonijiet federali jsolvuhom huma.

Fit-tieni karta tiegħu, Spinelli saħaq ukoll li Federazzjoni Ewropea, kontra l-burokrazija ta' Stalin fl-Unjoni Sovjetika, għandha jkollha l-prinċipji fundamentali ta',

**"federazzjoni, soċjalizzazzjoni tal-monopolji u ridistribuzzjoni tal-ġid"**[44]

u li kien meħtieġ li jkun hemm sistema edukattiva li tħarreġ nies ta' inizjattiva u li jintagħżlu n-nies issa. Għal Spinelli dan kien aktar importanti mill-istituzzjonijiet il-ġodda. Fil-fatt, wara l-gwerra kien twaqqaf il-Kulleġġ ta' Bruges[45] għal dan il-għan.

Bil-kliem taħriġ jitfisser li nies magħżula kienu jiġu dottrinati bil-principji federalisti biex imbagħad jitpoġġew fl-istituzzjonijiet federali ta' l-Istat Federali Ewropew ħalli jkomplu jmexxu u jipperpetwaw l-istess principji.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-ħlasijiet tagħhom minn fuq it-taxxi taċ-ċittadini tal-pajjiżi membri jkunu enormi, bħal ma huma ta' l-uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ħalli jkomplu jagħmlulhom kuraġġ biex imexxu kemm jifilħu l-principji federalisti u l-ordnijiet ta' l-Istat Federali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, nies oħra fil-pajjiżi membri jiġu indottrinati u moħhom maħsul bil-prinċipji federalisti, biex imbagħad jitpoġġew fl-istituzzjonijiet tal-pajjiżi membri għal-istess ghanijiet bi qligħ finanzjarju kbir għalihom, imħallas ukol mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

---

[44] "Federation, socialisation of monopolies and redistribution of wealth"
[45] College of Bruges

Il-Professur Rossi, li kien ukoll priġunier ma Spinelli, kien jibża li jekk jistennew sa wara l-gwerra kien ikun tard wisq biex l-għarfien Ewropew[46] ta' Spinelli jidher jew aħjar joħroġ waħdu. L-argument tiegħu kien li fir-Risorġiment[47], ftit nies[48] kien irnexxielhom jgħaqqdu l-Italja b'suċċess.

Għaldaqstant, Rossi ħaseb li kellhom jagħmlu pressjoni fuq il-pajjiżi rebbieħa billi jużaw it-teknika tar-Risorġiment biex jilħqu l-għanijiet tagħhom għal Ewropa magħquda, jiġifieri Stat Federali Ewropew, imsejjah l-Unjoni Ewropea, bħala Stati Uniti ta' l-Ewropa.

## Kungress Pan-Amerikan

F'Awissu ta' l-1942, refuġjati Taljani li kienu ħarbu minn Mussolini organizzaw Kungress Pan-Amerikan ġewwa Montevideo, fl-Urugwaj, biex jaċċettaw Federazzjoni Ewropea[49].

Il-ħsieb kien li ssir pressjoni fuq is-soċjeta' Mazzini[50] ta' l-Istati Uniti u fuq id-Dipartiment ta' l-Istat Amerikan biex jaċċetta l-kunċett ta' federalismu Ewropew bħala l-għan aħħari ta' wara l-gwerra[51].

L-isforzi tar-refuġjati fallew minħabba li d-Dipartiment ta' l-Istat Amerikan ħa l-pożizzjoni li l-veduti tas-soċjeta' ma kinux l-istess bħal tal-maġġoranza fl-Italja stess.

Spinelli kien ukoll xettiku mill-għanijiet tas-soċjeta', li ħaseb li kienu vagi ħafna biex ikollhom sinjifikat prattiku.

Spinelli emmen, bir-raġun, li l-Istati Uniti kienet issir taqbel ma' Federazzjoni Ewropea, u għaldaqstant, Federazzjoni Ewropea tkun parti mportanti minn dinja ta' wara l-gwerra.

## Laqgħat bil-Moħbi

F'Lulju tal-1943, Mussolini kien ġie mtajjar min-nofs, u xahar wara, jiġifieri f'Awissu, Spinelli u Rossi kienu nħelsu mill-ħabs. Huma marru minnufih Milan, fejn kien hemm jistennihom il-Professur Silvio Trentini[52] li kellu ħanut tal-kotba biex jostor dak li kien isir, jiġifieri li kien ċentru ta' laqgħat li kienu jsiru bil-moħbi.

Għaldaqstant, il-ħanut tal-kotba tal-Professur Trentini ġewwa Milan kien intuża minn Spinelli u sħabu biex jibdew jipjanaw ħalli jilħqu fil-prattika l-għanijiet tagħhom minħabba li, kif rajna aktar qabel, Spinelli kien iqis li ż-żmien opportun kien dalwaqt jasal.

---

[46] European consciousness
[47] Risorgimento
[48] Small elites
[49] Endorse European Federation
[50] Is-soċjeta' Mazzini kienet għaqda wiesha ta' propaganda bl-għan li taħdem kontra l-faxxisti
[51] Ultimate post-war goal
[52] A Gellist law scholar from Venetia

It-tattika ta' l-użu ta' ħanut tal-kotba biex jostor attivitajiet klandestini ma kinitx l-ewwel darba li ntużat mill-Professur Trentini. Fil-fatt, il-Professur Trentini kien ilu fl-eżilju mal-Partit Socjalista Taljan ġewwa Pariġi sa mill-1925. Meta l-Ġermaniżi kienu daħlu Pariġi, huwa kien ħarab għal Toulouse, fejn kien juża ħanut tal-kotba biex jostor li kien sar il-post ċentrali ta' eżiljati Taljani u Spanjoli.

Għaldaqstant, l-użu ta' ħanut tal-kotba biex jostor il-laqgħat sigrieti u dak kollu li kien qiegħed isir minn Trentini flimkien ma' l-eżiljati Taljani u Spanjoli ġewwa Toulouse, reġgħet intużat minn Trentini f'Milan biex jaħbi l-laqgħat sigrieti tiegħu ma' Spinelli u sħabhom l-oħra.

## Jitwaqqaf il-Moviment Federalista Ewropew

Fi ftit jiem mill-wasla tagħhom ġewwa Milan, Spinelli u sħabu żammew l-ewwel laqgħa sigrieta ta' dak li kellu jsir il-**Moviment Federalista Ewropew**[53].

Bejn 15 u 20 ruħ li qabel kienu priġunieri fuq il-gżira ta' Ventotene iltaqgħu fid-dar ta' Mario Alberto Rollier, fejn Spinelli u Rossi kienu saru s-segretarji flimkien[54] tal-moviment il-ġdid. Huma ħarġu dikjarazzjoni ta' sitt punti li kienet imsejsa fuq il-Manifest ta' Ventotene.

Il-mexxejja tal-Moviment kienu jemmnu li se ssir rivoluzzjoni mdemmija mat-tmiem tal-gwerra, l-istess kif kien ġara fl-aħħar ta' l-ewwel gwerra dinjija meta r-rivoluzzjoni Russa kienet waslet anki f'partijiet tal-Ġermanja.

Huma ttamaw li setgħu jieħdu vantaġġ mill-qawmien li jkun hemm biex joħolqu Ewropa federali li fiha ċ-ċittadini kollha ta' l-Ewropa jikkontrollaw l-eżekuttiv, il-leġislattiv u l-ġudikatura.

Wieħed jista' jara li parti minn dawn l-għanijiet intlaħqu permezz tal-Komunitajiet Ewropej u wara permezz ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħhom.

Madankollu, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet m'humiex ikkontrollati miċ-ċittadini Ewropej, imma l-istess istituzzjonijiet jiġu mponuti u mhux imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, waqt li huma stess komplew dejjem iżidu fis-saħħa u poter tagħhom.

Anki l-Membri Parlamentari tal-Parlament Ewropew kienu għamlu żmien twil jiġu maħtura mill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u mhux imtella miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, waqt li l-Parlament Ewropew għadu sal-lum b'inqas poter meta mqabbel ma' l-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

## Ċentru ta' Pubblikazzjoni f'Milan

Biex jilħqu l-għanijiet tagħhom, dawk il-ftit federalisti Taljani għamlu Milan iċ-ċentru tal-pubblikazzjonijiet tagħhom. B'diffikultajiet kbar, huma kienu ppubblikaw tmien ħarġiet tal-gazzetta l-**"Unita Europea".** L-ewwel kienet editjata minn Colorni imbagħad minn Rollier, u kienu jitqassmu kopji tagħha.

[53] Movimento Federalista Europeo MFE
[54] Joint secretaries

Erba' mill-ħarġiet tagħha kien fihom artikli li qabel kienu ppubblikati minn Sir Walter Layton, Lord Beveridge u Barbara Wooton. Huma rrapurtaw fuq il-politika ta' l-Allejati dwar l-ippjanar għal wara l-gwerra, analizzaw il-politika barranija Taljana, u ddiskutew il-federalismu.

Kif wieħed jista' jara, il-Moviment Federalista Ewropew ma kienx partit politiku, imma moviment. Wieħed jista' jara dan ukoll mill-kitba ta' Guglielmo fil-gazzetta tagħhom, jiġifieri l-Unita Europea. Huwa kiteb li,

**"il-federalismu fl-istat ta' ġerminazzjoni preżenti tiegħu … jimmerita t-titolu ta' moviment mhux ta' partit"**[55]

Għaldaqstant, ikompli jgħid li dan,

**"iħalli l-membri tiegħu ċertu wisa' u varjeta' ta' veduti dwar l-ideoloġiji soċjali u programmi ta' gvern … huwa jimmira li joħloq organizzazzjoni tiegħu stess, kapaċi li tferrex l-idea federalista u li taġixxi b'mod resoluttiv u b'sens rivoluzzjonarju fil-kuntest tal-ħajja politika moħbija tal-lum. Għada, meta l-politika terġa' ssir legali, huwa jkollu l-intenzjoni li ma jitlifx opportunita' li jaħdem fuq il-livell ta' partiti politiċi."**[56]

Bil-qerda li kienet ġabet il-gwerra, l-influwenza ta' dan il-moviment tant kienet kbira li l-Partiti Taljani kollha barra l-Partit Kommunista daħħlu l-federalismu fil-programmi tagħhom.

Madankollu, biex neġgħu lura għal żmien il-gwerra, fit-8 ta' Settembru, il-Ġermaniżi qabdu l-wied tax-xmara Po, u l-ħajja fit-tramuntana ta' l-Italja saret perikoluża. Eluf ta' Taljani kienu ħarbu lejn l-Isvizzera u ingħaqdu ma' dawk li diġa' kienu marru hemmhekk.

## Refuġju, Laqgħat u Ippjanar fl-Isvizzera

Fil-ħajja dejjem hemm dawk li jissugraw ħajjithom u jibqgħu jiġġieldu lill-għadu, waqt li hemm oħrajn li għalkemm issibhom fuq quddiem nett biex jippriedkaw il-prinċipji u jagħtu l-ordnijiet, ifittxu jaħarbu meta jitfaċċa l-periklu.

Spinelli, Rossi, Giussani u Usellini ħassew li kien aktar importanti li jaħdmu għal Ewropa federali milli jibqgħu fl-Italja jiġġieldu kontra l-Ġermaniżi. Għaldaqstant, huma ħarbu lejn l-Isvizzera.

Għalkemm Rossi kellu skuża biex ma jiġġielidx għaliex kien ġie ferut u sofra diżabilita' fl-ewwel gwerra, Spinelli u l-oħrajn ma kellhom ebda skuża, u b'hekk ħarbu u ħallew lil ħaddieħor jiġġieled lin-Nazisti Ġermaniżi u l-Faxxisti Taljani.waqt li huma marru jgħixu komdi u bla periklu fis-sigurta' ta' l-Isvizzera.

---

[55] "federalism in its present period of germination…merits the title of a political movement not a party"
[56] "allows its members a certain breadth and variety of views in regard to social ideologies and government programmes … It aims to create an organization of its own, capable of spreading the federalist idea and of acting resolutely in a revolutionary sense in the context of today's underground political life. Tomorrow, when politics become legal again, it intends to lose no opportunity of operating on the level of political parties"

Meta kien l-Isvizzera, Spinelli kellu laqgħa qasira mar-rappreżentant tal-kap ta' l-Eżekuttiv ta' l-Operazzjonijiet Speċjali[57], Jock McCaffery.

Madankollu, sa mill-ħarifa tas-sena 1943, Spinelli ma kkonċentrax fuq li jirbħu lill-Ġermaniżi, ħaġa li qatt ma wera li kellu xi nteress fiha, imma fuq li tinħoloq Stati Uniti ta' l-Ewropa wara l-gwerra, kif baqa' jagħmel sa' l-aħħar ta' ħajtu aktar minn erbgħin sena wara.

Mill-Isvizzera kienu jintbagħtu ħafna artikli lura lill-Colorni u l-istampatur sigriet tiegħu f'Milan.

Waqt li l-mexxejja kienu qed jgħixu bla periklu fl-Isvizzera, Enrichetta Ritter kienet taqsam il-fruntiera biex tieħu dawn l-artikli lejn l-Italja li kienet okkupata mill-Ġermaniżi.

Taħt l-isem "**Thelos**", Rossi kien kiteb ktejjeb żgħir[58] imsejjaħ "**L-Ewropa ta' għada**"[59], u Colorni kien irnexxilu jistampa 10,000 minnhom. F'Mejju 1944, dawn ġew mibgħuta bil-kuntrabandu fi Franza li kienet għadha okkupata mill-Ġermaniżi. Dan il-ktejjeb kien reġa' ġie stampat is-sena ta' wara miċ-Ċentru ta' Azzjoni[60] ġewwa Ġeneva, fl-Isvizzera.

## Għajnuna mis-Segretarju tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes

Mill-Isvizzera, li kienet post bla periklu għal Spinelli u sħabu, kien faċli li jikkuntattjaw, jikkordinaw u jaħdmu ma' movimenti ta' reżistenza madwar l-Ewropa.

Huma sabu wkoll l-għajnuna tas-Segretarju Generali tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes ġewwa Ġeneva, ir-Reverendu Dr Willem Visser't Hooft.

Bla periklu rrid infisser għal ħajjithom, għaliex kellhom jirrispettaw skruplożamet, għalmenu fil-miftuħ, in-newtralita' ta' l-Isvizzera. Għaldaqstant, minħabba l-attivitajiet tagħhom, Spinelli u sħabu kellhom ħtieġa ta' dar minn fejn jaħdmu bla periklu.

Fi ftit ġimgħat mill-wasla tagħhom fl-Isvizzera, huma kienu ġew imlaqqa ma' Hooft minn Jean-Marie Soutou, li kien ir-rappreżentant ġewwa Ġeneva tal-gazzetta klandestina Franċiża "**Ix-Xhieda Kristjana**"[61] sa mir-rebbieħa tas-sena 1943. Jean-Marie Soutou kien ukoll aġent tal-Movimenti Magħquda tar-Reżistenza[62].

Minħabba li kellhom jirrispettaw in-newtralita' Svizzera, il-laqgħat ta' Spinelli kellhom jinżammu sigrieti u jsiru bil-moħbi.

Mhux biss, imma minħabba l-periklu ta' vjaġġar fl-Ewropa, il-laqgħat kienu jieħdu x-xhur biex jiġu ppjanati, waqt li mhux dawk kollha mistiedna setgħu jattendu. Il-

[57] Chief Special Operations Executive representative (SOE)
[58] Pamphlet
[59] L-Ewrope de Demain
[60] Centre d'Action
[61] Temoignage Chretien
[62] Mouvements Unis de Resistance

gazzetti kienu jirrapurtaw biss li dawn il-laqgħat internazzjonali kienu qed isiru xi mkien fl-Ewropa.

## Laqgħat tal-Federalisti

Bejn Marzu u Ġunju 1944, kienu saru ħames laqgħat fid-dar ta' Hooft. Ma kienx inżamm rendikont sħiħ ta' dak li kien sar, imma għalihom kienu marru xi ħmistax-il ruħ. It-Taljani kienu rappreżentati minn Spinelli, Rossi u l-Professur Egidio Reale tal-Partit Repubblikan Taljan.

Il-Franċiżi kienu rappreżentati minn Jean-Marie Soutou, Laloy – li kien ir-rappreżentant uffiċjali ġewwa íeneva tal-Kumitat Nazzjonali Franċiż f'Alġiers[63], u Francois Bondy li kien twieled fl-Awstro-Ungerija[64] u li aktar tard sar ċittadin Svizzeru, li kien iżomm kuntatt mal-gruppi ta' reżistenza tas-Soċjalisti Franċiżi.

Mill-Ġermanja kien hemm Hanna Bertholet ta' l-Internazzjonali Soċjalista Militanti[65], li kellha kuntatti mat-trade unions Ġermaniżi u gruppi ta' reżistenza Ġermaniżi, Hilda Monte, li wkoll kienet mill-Internazzjonali Soċjalista Militanti u li kellha wkoll kuntatti mal-fdalijiet tar-reżistenza ġermaniża.

Hooft kien jirrappreżenta lir-reżistenza Olandiża, waqt li kien hemm ukoll rappreżentanti tal-moviment ta' Tito tal-Jugoslavja, Pollakk, Ċekoslovakk, Norveġiż u Daniż li l-ismijiet tagħhom mhumiex magħrufa.

Kien hemm dibattitu dwar jekk għandhomx jitħallew jattendu l-Ġermaniżi, imma l-maġġoranza kienu ħallew lil Hilda Monte[66] u Hanna Bertholet jidħlu. Hilda Monte aktar tard kienet inqatlet meta kienet qed tipprova taqsam lura lejn l-Isvizzera mill-Ġermanja.

Dawk kollha preżenti għal dawn il-laqgħet kellhom l-istess ħsieb.

Li l-kunċetti internazzjonalisti tal-Lega tan-Nazzjonijiet[67] - li qabel kienet l-organizzazzjoni minflok il-Ġnus Magħquda – kellhom ikunu l-pedamenti ta' Ewropa Federali.

It-Taljani u l-Franċiżi riedu jmorru ħafna aktar milli riedu l-oħrajn, u riedu li **jnaqqsu**[68] **s-sovranita' nazzjonali**.

## Dak li Riedu l-Federalisti

Ħalli naraw ftit x'riedu jagħmlu l-Federalisti Internazzjonali.

Dawk li ħadu sehem fil-laqgħat iffirmaw Dikjarazzjoni tal-Federalisti Internazzjonali, li kienet irranġata[69] mit-Taljani u msejsa fuq il-Manifest ta' Ventotene. Huma riedu li,

[63] French National Committee in Algiers
[64] Austro-Hungary
[65] Militant Socialist International ISK
[66] Hilda Monte kienet marret fl-eżilju ta' 19-il sena, studjat f'Londra u kienet ħadmet għall-BBC
[67] League of Nations
[68] Curtail

**"…jmorru aktar 'il bogħod mid-domma tas-sovranita' assoluta ta' l-istat u jingħaqdu f'organizzazzjoni federali waħda. In-nuqqas ta' unita' u għaqda li għadu jeżisti bejn partijiet differenti tad-dinja ma jħalluniex li nilħqu immedjatament organizzazzjoni li tgħaqqad iċ-ċiviltajiet taħt gvern federali wieħed. Fi tmien il-gwerra wieħed għaldaqstant ikollu jikkuntenta bit-twaqqif ta' organizzazzjoni universali li tkun inqas ambizzjuża, imma li tkun waħda li tkun kapaċi tiżviluppa fid-direzzjoni ta' għaqda federali."**[70]

Wieħed mill-ewwel jinduna li l-għanijiet tal-Federalisti Internazzjonali kienu li jfarrku l-prinċipju ta' l-**Istat Nazzjon Indipendi, Ħieles u Sovran**.

Riedu joħolqu Gvern Dinji, imma fl-istess waqt għarfu li d-dinja kienet għadha mhix lesta li taċċetta dak li riedu huma.

Dawk li kitbu din id-dikjarazzjoni kienu jemmnu li l-qerda li kienu ġabu ż-żewġ gwerer kienet minħabba l-eżistenza ta' tletin stat sovran li kien hemm dak iż-żmien, u qalu li għaldaqstant,

**"Din l-anarkija trid tiġi rimedjata bil-ħolqien ta' Għaqda Federali bejn il-popli Ewropej."**[71]

Wieħed jinduna li minħabba li l-federalisti kienu ndunaw li d-dinja ma kinitx lesta biex taċċetta l-prinċipji tagħhom ta' Gvern Dinji bl-istituzzjonijiet kollha li wieħed isib fi Gvern u li l-pajjiżi kollha jkunu sottomessi lejh, huma riedu jaħdmu biex kif qalu huma stess, bħala l-ewwel pass kellhom iwaqqfu federazzjoni Ewropea.

Tajjeb li ninnutaw ukoll kemm kien hemm ftit Stati dak iż-żmien, li jfisser li l-maġġoranza tal-pajjiżi l-oħra kienu kolonji maħkuma minn dawn l-Istati jew minn xi wħud minnhom li kienu Imperi bħal ma kien l-Imperu Ngliż, il-Ġermanja, l-Italja, Franza, Spanja, il-Portugall u Stati kolonizzaturi oħra.

## Il-Ġermanja ta' Periklu għall-Oħrajn

Il-federalisti internazzjonali għarfu wkoll li mhux it-tletin Stat li kien hemm dak iż-żmien kienu li qanqlu ż-żewġ gwerer, imma li fiż-żewġ każi kienet il-Ġermanja. Waqt li rrepetew il-Manifest ta' Ventotene, huma qalu li,

**"…kienet biss Għaqda Federali li tħalli lill-Ġermanja tieħu sehem fil-ħajja ta' l-Ewropa mingħajr ma tkun ta' periklu għall-oħrajn."**[72]

Hawnhekk, huwa ċar daqs il-kristall, li minkejja li l-federalisti internazzjonali kienu jafu li kienet il-Ġermanja bl-ambizzjonijiet militari u espansjonistiċi tagħha li kienet

---

[69] Edited

[70] "…to go beyond the dogma of the absolute sovereignty of the state and unite in a single federal organisation. The lack of unity and cohesion that still exist between the different parts of the world will not allow us to achieve immediately an organisation that unites all civilisations under a single federal government. At the end of the war one will therefore have to be content with setting up a universal organisation of a less ambitious kind, but one able to develop in the direction of federal unity."

[71] "..this anarchy must be remedied by the creation of a Federal Union between the European peoples"

[72] "…only a federal Union will allow the German people to participate in the life of Europe without being a danger for the rest"

il-kaġun taż-żewġ gwerer li fihom mietu miljuni kbar ta' nies, huma kienu lesti li jissagrifikaw lill-popli Ewropej biex tinħoloq federazzjoni Ewropea fejn il-Ġermanja tkun tista' tieħu sehem bla ma terġa' toħloq periklu għall-oħrajn.

Bil-ħolqien ta' federazzjoni Ewropea naraw il-kunċett tal-Leviathan ta' Hobbes, fost kunċetti oħra, fejn l-Istati Membri jissagrifikaw is-sovranita' tagħhom biex jitħarsu mill-avventuri militari u espansjonistiċi Ġermaniżi li kienu wasslu għal diversi gwerer.

Wieħed hawn jistaqsi jekk huwiex raġunar tajjeb li biex tiġi kkontrollata l-Ġermanja, li l-minħabba l-ambizzjonijiet militari u espansjonistiċi tagħha kienet ikkaġunat żewġ gwerer fis-seklu għoxrin, l-Istati kollha ta' l-Ewropa u l-popli tagħhom kellhom jiġi ssagrifikati minflok li jsir dak kollu meħtieġ biex il-Ġermanja tiġi xorta waħda mrażżna u kkontrollata biex ma terġax tkun ta'periklu għall-oħrajn, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-Istati l-oħra u l-popli tagħhom jitilfu l-ħelsien, l-identita' u s-sovranita' tagħhom li tgħaddi għal għand il-Federazzjoni Ewropea**.**

## L-Istati jridu jċedu Aspetti ta' Sovranita'

L-Għaqda Federali ma tistax teżisti jekk l-Istati Membri tagħha ma jċedux is-sovranita' tagħhom f'ħafna oqsma u aspetti li normalment wieħed isibhom fi Stat. Minħabba f'hekk, il-federalisti internazzjonali komplew jgħidu fid-Dikjarazzjoni tagħhom li,

**"L-Għaqda Federali ma tridx tippreġudika d-dritt ta' kull … pajjiż membru li jsolvi l-problemi speċjali tiegħu skond il-karatteristiċi etniċi u kulturali tiegħu. Imma … l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom li għandhom x'jaqsmu mad-difiża, ir-relazzjonijiet tagħhom ma' stati barra mill-Għaqda Federali u l-kummerċ internazzjonali u l-komunikazzjonijiet."**[73]

Dan huwa paragrafu li jinħtieġ neżaminaw bir-reqqa biex naraw sewwa xi jfisser dak li riedu jagħmlu l-Federalisti Internazzjonali bil-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew.

L-ewwel ma jrid jiġi nnutat huwa li fil-bidu jingħad li,

**"…pajjiż membru li jsolvi l-problemi speċjali tiegħu skond il-karatteristiċi etniċi u kulturali tiegħu"**

Innutaw li jingħad **pajjiż membru** u mhux **Stat Membru.** Jingħad pajjiż, għaliex biex pajjiż jissejjaħ Stat irid ikollu dawk il-karatteristiċi u jeżerċita' d-drittijiet kollha li Stat jista' jkollu skond il-liġi internazzjonali.

Għaldaqstant, qabel inkomplu fuq dak li riedu l-federalisti internazzjonali, tajjeb li naraw fil-qosor ħafna b'mod li jifhem kullħadd xi jrid ikollu pajjiż biex jitqies bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** skond il-liġi internazzjonali.

[73] "The Federal Union must not prejudice the right of each … member country to solve its own spoecial problems according to its own ethnic and cultural characteristics. But … states must irrevocably surrender to the Federation those aspects of their sovereignty that deal with the defence, relations with states outside the Federal Union and international trade and communications."

**Htiġijiet biex Pajjiż jissejjaħ Stat**

Id-definizzjoni klassika ta' Stat jew aħjar il-ħtiġijiet biex pajjiż ikun meqjuż bħala entita' politika indipendenti u jkun jista' jissejjaħ bħala Stat huma,

1. **Territorju definit;**
2. **Popolazzjoni;**
3. **Gvern kapaci li jeżerċita' kontroll effettiv fuq il-popolazzjoni u l-affarijiet li jiġru fit-territorju tiegħu;**
4. **Il-kapaċita' li jkollu relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra.**

Il-ħtieġa ta' territorju u popolazzjoni ma tantx huma applikati strettament, minħabba li t-territorju jista' ma jkunx definit sewwa. Hawnhekk wieħed jista' jsemmi l-każ ta' l-Israel li t-territorju u l-popolazzjoni tiegħu nbidlu kemm-il darba bid-dħul tiegħu fit-territorji ta' Stati Għarab qrib.

Punt ieħor huwa li Stat jibqa' jeżisti jekk jibqa' jiġi rikonoxxut minn Stati oħra anki jekk it-territorju tiegħu jkun okkupat minn forzi barranin. Hawnhekk wieħed jista' jsemmi kemm il-każ ta' l-Etjopja li kienet ġiet maħtufa mill-Italja fl-1936, kif ukoll il-Kuwajt li kien ġie nvadut u maħtuf mill-Iraq.

Huwa ovvju wkoll li l-Istat irid ikollu Gvern li jkun kapaċi li jeżerċita' kontroll effettiv fuq il-popolazzjoni li tkun tgħix fit-territorju tiegħu u fuq l-affarijiet li jiġru fl-istess territorju, għaliex inkella fit-territorju jkun hemm biss liġi tal-ġungla u ħadd ma jkun irid jirrikonoxxih.

Għaldaqstant, lanqas il-kriterju li jkollu relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra ma jkun jista' jiġi meqjus li ntlaħaq.

**Pajjiż minflok Stat**

Il-federazzjoni Ewropea li riedu jwaqqfu l-federalisti internazzjonali kienet tfisser li, fost affarijiet oħra, il-membri tagħha jitilfu d-dritt li jkollhom relazzjonijiet internazzjonali ma' Stati oħra.

Dan kien ifisser li dak l-Istat ikun spiċċalu wieħed mill-kriterji l-aktar importanti biex jibqa' jissejjaħ Stat u għalhekk jibda jissejjaħ biss pajjiż.

Għaldaqstant, dan ifisser li l-federalisti internazzjonali kienu jafu li meta Stat isir membru ta' l-Għaqda Federali Ewropea li huma kellhom ħsieb li jwaqqfu, dak l-Istat jispiċċawlu l-kriterji u d-drittijiet kollha meħtieġa skond il-liġi internazzjonali biex jibqa' jissejjaħ bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Huwa għal din ir-raġuni li f'din il-parti ta' dan il-paragrafu jsejħu lil Stat membru tal-Federazzjoni bħala **pajjiż** u mhux bħala **Stat.**

Mhux biss, imma issa anki l-kontroll effettiv fuq il-popolazzjoni u l-affarijiet li jiġru fit-territorju tagħhom spiċċa mingħand l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għall-għanijiet ta' l-istess Stati Membri, għaliex issa l-Unjoni Ewropea għandha l-liġi kriminali tagħha u l-kontroll fuq iċ-ċittadini u l-affarijiet li jiġru fit-territorju ta' l-

Istati Membri flimkien ma min jidħol u joħroġ fit-territorju tagħhom huwa effettivament ikkontrollat mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea u skond il-ħtiġijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u mhux mill-htiġijiet ta' l-Istati Membri.

Dan ifisser li l-Istati Membri lanqas għad għandhom dritt li jissejħu Stati skond il-kriterji tal-liġi internazzjonali, għalkemm għad baqgħalhom xi ftit tas-sovranita' f'xi oqsma. Dan barra affarijiet oħra li naraw aktar 'il quddiem.

**Iċedu s-Sovranita'**

Il-federalisti jkomplu jgħidu li,

**"l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom"**

Hawnhekk naraw li l-federalisti f'din il-parti jgħidu li l-**istati** jridu jċedu, u mhux il-**pajjiżi**.

Dan jingħad għaliex sakemm ikunu għadhom ma sarux membri jew il-federazzjoni ma tkunx għadha żviluppat biżżejjed biex tassew tkun Stat Federali, huma jkun għad għandhom dawk il-kriterji u drittijiet mogħtija mil-liġi internazzjonali biex jissejħu Stat.

Madankollu, kif huma jċedu s-sovranita' tagħhom, huma ma jkunux jistgħu jibqgħu jissejħa Stat għaliex kif għedt qabel, ma jkunx għad għandhom il-kriterji meħtieġa skond il-liġi internazzjonali.

Innutaw li l-federalisti kienu qalu li l-istati mhux biss iridu jċedu aspetti tas-sovranita' tagħhom, imma dawk l-aspetti jridu jċeduhom irrevokabilment, jiġifieri għal dejjem ta' dejjem bla ma qatt ikunu jistgħu jerġgħu jeħduhom lura.

Kien għalhekk li meta Romano Prodi kien hawn Malta qal li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea hija bħaż-żwieġ li huwa għal dejjem. La darba tiżżewweġ tkun iżżewwiġt għal dejjem, bħal ma, skond Prodi, la darba ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea tkun sirt membru darba għal dejjem u ma tistax toħroġ.

Tinsewx li diġa' ghedt li minkejja li Prodi u l-mexxejja mixtrija Maltin li biegħu ruħhom u ġieħhom lill-Unjoni Ewropea jgħidu li s-sħubija hija bħaż-żwieġ, jiġifieri għal dejjem, diġa' ġibt l-eżempju tad-divorzju u l-annullament.

Minkejja dak li jgħidu, Malta tista' tiċħad it-trattat għaliex il-kunsens tal-poplu Malti ttieħed bil-ġideb u t-theddid li jagħmel il-kunsens difettuż, l-istess bħal ma jkun difettuż il-kunsens li jingħata minn tnejn miżżewġin fejn parti jew nies oħra jkunu qarrqu bil-parti l-oħra li jkollha kull dritt li tiddivorzja, anzi li dak iż-żwieġ jiġi dikjarat li qatt ma kien validu, null u bla effett, u li qatt ma kien fis-seħħ.

Barra minn hekk, l-istess federalisti li waqqfu l-Unjoni Ewropea jgħidu li l-Istati jridu jċedu ċerti **aspetti tas-sovranita'** tagħhom.

Dan ifisser li la Stat ikun qiegħed iċedi aspetti tas-sovranita' tiegħu, huwa ma jibqax aktar sovran f'dawk l-**aspetti ta' sovranita'** li jkun ċeda u jkun ħadhom ħaddieħor.

**Għaldaqstant, is-sovranita' skond l-istess federalisti tonqos jew tispiċċa u mhux tissaħħaħ jekk Stat isir membru f'Għaqda Federali.**

Bl-istess argument, dan japplika għall-Unjoni Ewropea minħabba li ħadet dawk l-**aspetti ta' sovranita'** u anki iżjed mingħand l-Istati Membri tagħha li l-federalisti jgħidu li l-Għaqda Federali Ewropea li huma riedu jwaqqfu kellha tieħu mingħand il-pajjiżi membri tagħha.

**Aspetti tas-Sovranita' Ċeduti - Id-Difiża**

Ħalli issa naraw x'inhuma l-aspetti ta' sovranita' li l-Istati jridu jċedu darba għal dejjem lill-federazzjoni Ewropea. Huma jgħidu li,

**"l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom li għandhom x'jaqsmu mad-difiża"**

Dan ifisser li l-Istati Membri jċedu s-sovranita' u d-dritt tagħhom darba għal dejjem u ma jibqgħux jiddeċiedu aktar xi jkun jaqbel għalihom fil-qasam tad-difiża, imma tkun il-federazzjoni Ewropea li tiddeċiedi xi jrid isir u x'għandhom jagħmlu.

Fil-fatt, issa qed naraw li l-Unjoni Ewropea ħolqot ukoll l-armata tagħha biex tagħmel fil-prattika dak li qalu l-federalisti, għalkemm forsi s'issa għadha ma waslitx fl-istat li l-armati ta' l-Istati Membri jispiċċaw u jkun hemm armata waħda federali.

Skond il-federalisti internazzjonali, l-Istati Membri jridu jċedu wkoll lill-Federazzjoni Ewropea dawk l-aspetti ta' sovranita' li għandhom x'jaqsmu ma',

**Relazzjonijiet ma' Stati Barranin**

Aspett ieħor ta' **sovranita'** li l-federalisti internazzjonali riedu li l-pajjiżi membri jċedu darba għal dejjem lill-federazzjoni Ewropea kien li,

**"l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom li għandhom x'jaqsmu ir-relazzjonijiet tagħhom ma' stati barra mill-Għaqda Federali"**

Dan ukoll kien ifisser li dawk l-Istati li jsiru membri ta' l-Għaqda Federali Ewropea kienet tispiċċalhom is-**Sovranita'** tagħhom li jikkontrollaw ir-relazzjonijiet tagħhom ma' Stati oħra li ma jkunux membri, u għaldaqstant jispiċċalhom kriterju u dritt ieħor mill-aktar importanti li bil-liġi internazzjonali huwa meħtieġ biex pajjiż jibqa' jissejjaħ Stat, liema dritt kien jingħata irrevokabilment, jiġifieri darba għal dejjem, lill-Għaqda Federali Ewropea.

Jekk wieħed jara x'ġara fl-Unjoni Ewropea jsib li hija għandha l-politika barranija u ta' sigurta' komuni[74], u titkellem u tinnegozja hija minflok l-Istati Membri tagħha ma'

[74] Connon Foreign and Security Policy

Stati barranin li m'humiex membri tagħha u organizzazzjonijiet oħra. In-numru ta' ftehim, trattati u konvenzjonijiet li hija għamlet u li se naraw aktar 'il quddiem juru kemm dan huwa minnu.

Għaldaqstant, huwa ċar daqs il-kristall li l-Unjoni Ewropea mhux biss ħadet is-**sovranita'** mingħand l-Istati Membri tagħha li tkun hija biss li tittratta, tiftiehem u jkollha relazzjonijiet barranin ma' Stati barranin mhux membri tagħha u organizzazzjonijiet fejn jidħlu l-interessi tagħha, imma li l-Istati Membri ma baqgħalhomx dritt li jkomplu jagħmlu xi ħaġa f'dawn l-oqsma.

**Il-Każ "Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill"**

Biex kullħadd ikun jaf u jifhem dak li qiegħed ngħid, tajjeb li naraw fil-qosor ħafna każ li kien maqtugħ mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, għalkemm kien hemm każi ħafna aktar qabel li se naraw ukoll aktar 'il quddiem fejn il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea qalet li d-dritt ta' l-Istati Membri li jagħmlu xi ftehim huma kien ittieħed mill-Unjoni Ewropea.

Dan il-każ li se naraw huwa magħruf bħala "**Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill**"[75], u huwa każ numru C25/94, jiġifieri każ numru 25 tas-sena 1994. Dan il-każ kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Marzu 1996.

Fil-qosor, il-Kunsill kien iddeċieda li l-Istati Membri kien għad baqalhom id-dritt tal-vot fl-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja tal-Ġnus Magħquda[76]. Il-kwistjoni kienet dwar miżuri ta' maniġġjar u konservazzjoni li kellhom jittieħdu fl-ibħra internazzjonali.

Il-Kummissjoni ma qablitx mal-Kunsill u sostniet li dak id-dritt kien għadda mingħand l-Istati Membri għal għand l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, minħabba dan in-nuqqas ta' qbil, il-Kummissjoni tellgħet lill-Kunsill quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex ikollha sentenza minn din il-Qorti.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li l-Kummissjoni kellha raġun, minħabba li l-Unjoni Ewropea kellha kompetenza esklussiva f'dan il-qasam.

Dan kien ifisser li kienet l-Unjoni Ewropea biss li kellha dritt li tinnegozja u tagħmel ftehim f'dan il-qasam, kemm ma Stati oħra, kif ukoll ma organizzazzjonijiet.

Hekk iddeċiediet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir sakemm l-Istati Membri ma jiddeċiedux li jitilqu.. Dan fil-qasam tas-sajd, aħseb u ara f'oqsma oħra aktar sensittivi kemm se tħalli Stati Membri li jagħmlu ftehim huma kif ikun jaqbel lilhom.

Ftakru li wieħed mill-aktar kriterji importanti biex pajjiż jissejjaħ Stat huwa li jkun kapaċi jkollu relazzjonijiet ma' Stati oħra.

---

[75] Commission v Council C-25/94, dan il-każ huwa rrapurtat fil-European Court Reports 1996 p I-1469
[76] United Nations Food and Agriculture Organisation

Dan il-kriterju u l-**aspett tas-Sovranita'** spiċċa għand l-Unjoni Ewropea, li kif wieħed jista' jara, għandha dak kollu li l-federalisti riedu li jkollha l-federazzjoni Ewropea li huma riedu jwaqqfu.

**Kummerċ Internazzjonali**

Aspett ieħor ta' **Sovranita'** li l-federalisti internazzjonali riedu li l-pajjiżi membri jċedu darba għal dejjem lill-federazzjoni Ewropea kien li,

**"l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ internazzjonali"**

Dan huwa wieħed mill-punti li riedu l-federalisti internazzjonali li kull pajjiż membru fil-Federazzjoni Ewropea kellu jċedi s-**Sovranita'** tiegħu fuqu, liema **Sovranita'** tmur għand il-federazzjoni.

Ir-riżultat ikun li pajjiż membru ma jkunx jista' jikkontrolla l-kummerċ internazzjonali tiegħu kif ikun jaqbillu, imma jkollu jobdi u joqgħod għal dak kollu li tordnalu l-federazzjoni Ewropea.

Jekk wieħed jeżamina ftit l-Unjoni Ewropea jsib li dan huwa wieħed mill-punti li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Meta kienet twaqqfet il-Komunita' Ekonomika Ewropea, wieħed mill-għanijiet kienu li jinħoloq suq wieħed bejn l-Istati Membri.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri mhux biss kellhom iċedu l-kontroll tal-kummerċ intern ta' bejniethom lill-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, imma fuq id-deċiżjoni tal-Komunita' kellhom iddaħlu wkoll it-tariffa tad-dazju komuni.

Dan kien ifisser li biex u meta' jintlaħaq suq wieħed, waqt li l-prodotti li jmorru minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor ma kinux iħallsu ebda dazju, kull prodott li kien jiġi mpurtat minn xi pajjiż li ma jkunx membru kellu jħallas l-istess dazju, jidħol f'liema Stat Membru jidħol. Wara ma jħallas ebda dazju meta jmur minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.

Kull prodott kellu jħallas ukoll levi biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, jipproteġu lill-produtturi tagħhom.

Dawn id-dazji u levies jitilqu lejn il-kaxxa bla qiegħ ta' l-Unjoni Ewropea biex jitberbqu bla ebda kontroll mill-istituzzjonijiet tagħha, speċjalment il-Kummissjoni li dejjem tiġi akkużata bi frodi u li l-kontijiet tagħha ilhom is-snin ma jiġu approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-istess Unjoni Ewropea.

Dawn il-fatti kollha juru mhux biss li l-Istati Membri kienu tilfu dan id-dritt tal-kummerċ internazzjonali li ttieħed mill-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, imma li anki t-territorji tagħhom bdew jiġi meqjusa bħala territorju wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex hemm il-moviment ħieles tal-prodotti bejniethom bla ma jistgħu jagħmlu ebda kontroll jekk mhux dak ordnat mill-Unjoni Ewropea jew l-istituzzjonijiet tagħha.

## Il-Komunikazzjonijiet

Aspett ieħor ta' **Sovranita'** li l-federalisti internazzjonali riedu li l-pajjizi membri jċedu darb għal dejjem lill-federazzjoni Ewropea kien li,

**"l-istati jridu irrevokabbilment iċedu lill-Federazzjoni dawk l-aspetti tas-sovranita' tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet"**

Dan ukoll huwa wieħed mill-aspetti ta' **Sovranita'** li l-federalisti internazzjonali riedu li pajjiżi membri jċedu lill-federazzjoni Ewropea.

Fil-fatt, maż-żmien, l-Unjoni Ewropea daħlet anki f'dan il-qasam u l-Istati membri spiċċalhom id-dritt li jikkontrollaw il-komunikazzjonijiet kif iridu jew kif iħossu li jkun meħtieġ fl-interess nazzjonali tagħhom.

Biex wieħed jieħu eżempju, ebda Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea ma jista' ma jħallix programmi tar-radju jew televiżjoni li joriġinaw fi Stat Membru ieħor milli jaslu għand iċ-ċittadini tieħu.

Jekk nieħdu mezzi ta' komunikazzjoni oħra, naraw li l-Unjoni Ewropea trid li l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni jiġu kkontrollati biex dak kollu li jingħad jew jintbagħat miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri fuq it-telefon, it-telfon mobile, il-fax, l-internet u kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni jkunu kkontrollati u mismuha mill-awtoritajiet.

Dan huwa l-istat ta' spjunaġġ mill-awtoritajiet li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sabu ruħhom fih bid-direttivi u l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Istati membri ma jistgħux ma jobdux dak kollu li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea sa l-inqas punt u virgola.

Għaldaqstant, mhux biss l-Unjoni Ewropea ħadet is-**Sovranita'** fuq il-komunikazzjonijiet mingħand l-Istati Membri tagħha, imma dan ifisser ukoll li l-għanijiet tal-federalisti internazzjonali ntlaħqu bis-sħiħ mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll li l-Unjoni Ewropea hija, minn dan l-aspett u aspetti oħra, Stat Federali Ewropew fl-istess tifsira li l-federalisti internazzjonali taw għall-federazzjoni Ewropea li huma riedu joħolqu.

Wieħed hawnhekk jiftakar dwar meta Malta kienet għadha kolonja tal-barrani, kif ukoll għal żmien twil wara t-taparsi indipendenza sakemm il-Gvern Laburista kien ħa l-komunikazzjonijiet f'idejgħ.

Il-komunikazzjonijiet kienu kollha f'idejn il-barrani. Ix-xandir f'idejn ir-Redifusion, il-komunikazzjonijiet f'idejn il-Cable and Wireless, u l-komunikazzjonijiet ta' l-ajru f'idejn l-International Air Radio. Kollox f'idejn il-barrani, kif erġajna u qed nerġgħu nsiru issa li erġajna sirna kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk il-Prim Ministru ried ikellem lin-nazzjon ried jagħmel hekk minn fuq ix-xandir immexxi mill-barrani. Jekk ried jikkomunika ma' xi Kap ta' Stat ieħor, ried bilfors jikkomunika miegħu permezz tas-servizz ta' komunikazzjoni tal-barrani li kienu jkunu jafu kollox xi jkun qiegħed jingħad.

**Kif qiegħed ikun magħruf issa mill-Unjoni Ewropea dak kollu li jgħidu bejniethom iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-ispjunaġġ tagħha fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni bl-iskuża tat-terroriżmu.**

Kif wieħed jista' jara, l-Unjoni Ewropea għandha dawk il-karatteristiċi kollha u ħadet dawk l-aspetti ta' **Sovranita'** u aktar mingħand l-Istati Membri tagħha li l-federalisti internazzjonali riedu jagħtu lill-federazzjoni Ewropea li huma riedu jwaqqfu.

Għaldaqstant, m'hemmx dubju li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Ghaqda Federali fejn l-Istati Membri jridu jagħmlu dak kollu li tordna l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha.

Jekk saritx diġa' Stat Federali huwa punt ta' dibattitu, imma l-mixja lejn dak l-Istat kif ippjanat mill-federalisti internazzjonali u Ewropej hija ċara daqs il-kristall.

**Lura lejn il-Federalisti Internazzjonali**

Il-federalisti internazzjonali għamlu sejħa għall-gvern risponsabbli lejn il-poplu, armata waħda risponsabbli lejn is-super-gvern li kienet teskludi l-armati l-oħra kollha u tribunal suprem.

Riedu wkoll kwartieri minn fejn jibnu l-Għaqda Federali[77]. Din id-dikjarazzjoni, li kienet intbagħtet bil-moħbi mill-Isvizzera lejn il-pajjiżi okkupati kollha kif ukoll fir-Renju Unit, qanqlet reazzjonijiet differenti.

Fir-Renju Unit, il-Grupp Soċjalista ta' Quddiem[78], li kien twaqqaf minn Soċjalisti eżiljati wara April 1942, u li għalkemm il-Partit Laburista Ingliż ipprova jikkontrollahom ma kienx irnexxilu, kienu entużjasti.

Sir Walter Layton li kif rajna kien influwenza ħafna lit-Taljani, f'Jannar 1945 kien qal lill-udjenza fil-Konferenza Annwali ta' l-Assoċjazzjoni Ġeografika li għandu jkun hemm organizzazzjoni dinjija mgħaqqda ma' reġjuni.

Layton mexxa 'l quddiem id-dikjarazzjoni li kien bagħtlu Spinelli mill-Isvizzera għal,

**"Gvern ċentrali għall-Ewropa risponsabbli mhux lejn il-gvernijiet ta' l-istati diversi, imma lejn il-poplu."**

Xi Franċiżi kienu wkoll qablu ma' Spinelli u l-federalisti internazzjonali. Fl-1944 ġewwa Lyons, fi Franza, il-Kumitat Franċiż għall-Federazzjoni Ewropea li kien għadu kif twaqqaf minn xi movimenti ta' reżistenza, kien qabel ma dikjarazzjoni bħal din.

Min-naħa ta' l-Olanda, kienu biss erba gruppi ta' reżistenza li kienu wieġbu minħabba li kellhom affarijiet aktar importanti. Wieħed minnhom qal li,

**"Din tidher ta' sorpriża fl-Isvizzera, imma tiftiehem minn kull min jaf u għandu l-esperjenza tal-kundizzjonijiet hawnhekk. Il-gruppi ta' reżistenza huma**

[77] Federal Union
[78] Socialist Vanguard Group, set up by exiled Socialists after April 1942. The British Labour Party tried, but failed, to control it.

**okkupati bis-sħiħ fix-xogħol tagħhom, bil-ħsiebijiet minn jum għall-ieħor u r-riskju 'l ħin kollu għal ħajjithom - l-esekuzzjonijiet dan l-aħħar qabżu l-500 fix-xahar - u ma jistgħux jiġu mistennija li jsibu l-ħin u l-opportunita' li jikkunsidraw mistoqsijiet internazzjonali bħal dawn bil-kalma u deliberazzjoni meħtieġa."**

**<u>It-Taljani jibdew il-Ħidma</u>**

Wara li l-Allejati kienu niżlu ġewwa n-Normandija, fi Franza, f'Ġunju 1944, il-movimenti kollha tar-reżistenza fil-pajjiżi l-ewwel żjiedu l-impenn tagħhom fl-aħħar battalji kontra l-okkupaturi Nazisti, u wara saħħew il-pożizzjonijiet tagħhom hekk kif beda riesaq tmiem il-gwerra.

Għall-aħħar tas-sajf ta' l-1944, Spinelli telaq mill-Isvizzera lura lejn l-Italja u sar minnufih il-mexxej tas-Segretarjat tal-Partit ta' Azzjoni għall-Italja ta' Fuq[79], li ħa l-kontroll mingħand il-Ġiellisti.

F'Diċembru, il-Partit ta' Azzjoni ppropona li l-prinċipju tat-trasferiment tad-drittijiet sovrani lil "**<u>federazzjoni demokratika Ewropea</u>**" għandu jkun imdaħħal fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana. Huma ppropnew li jiddaħħal Artiklu fil-Kostituzzjoni li jkun jgħid li,

**"L-Istat Taljan jikkunsidra li s-sovranita' assoluta tiegħu hija proviżorja u huwa ppreparat li jittrasferixxi l-funzjonijiet sovrani li huma ta' natura supranazzjonali lil federazzjoni demokratika ta' l-Ewropa futura li fiha t-Taljani jgawdu l-istess drittijiet u jassumu l-obbligazzjonijiet taċ-ċittadini federali."[80]**

Fl-1947, din il-klawsola kienet iddaħħlet fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana.

Il-parti l-kbira ta' dawk li vvutaw għaliha ma kinux jafu x'kienu qed jagħmlu u kien ingħad li dan kien "sewa' tajjeb" għall-federalisti.

Din kienet rebħa immedjata għal Spinelli li kompla jaħdem bis-siħ għat-twaqqif ta' Stati Uniti ta' l-Ewropa matul ħajtu kollha.

Il-Professur Ernesto Rossi kompla jaħdem ukoll fil-Moviment Federalista Ewropew u għall-Partit ta' Azzjoni li fih kien hemm ukoll Spinelli sal-mewt tiegħu fl-1967, fejn kiteb u ħadem kemm felaħ bħal Spinelli biex titwaqqaf Stati Uniti ta' l-Ewropa.

Colorni, li kif rajna aktar qabel kien ukoll ħadem id f'id ma' Spinelli u l-federalisti l-oħra meta kien ikkonverta għall-federaliżmu waqt li kien fuq il-gżira ta' Ventotene u kien sar l-ewwel editur klandestin tal-gazzetta l-Unita Europea, kellu sehem biex jerġa' jinbena l-Partit Soċjalista f'Ruma.

---

[79] Action Party Secretariat for Upper Italy

[80] Charles Delzell, *European Federalist Movement in Italy: First Phase 1918-47*, "The Italian State considers its own absolute sovereignty to be provisional and is prepared to transfer those sovereig functions which are of supranational concern to a future democratic federation of Ewrope in which Italians would enjoy all the rights and assume all the obligations of federal citizens."

F'Awissu 1943, il-gruppi Soċjalisti ta' reżistenza ġodda ingħaqdu fi programm wieħed li, grazzi għall-Colorni, għaqqad flimkien il-prinċipji internazzjonalisti mal-ħsieb ta' federazzjoni Ewropea.

Colorni kien ippubblika l-Manifest ta' Ventotene u tah pubbliċita' kbira. Madankollu, huwa kien ġie assassinat mill-faxxisti f'Mejju 1944.

Il-Professur Einaudi, li kif rajna kien wassal bil-moħbi kitbiet ta' awturi Ingliżi u Amerikani li kienu nfluwenzaw bis-sħiħ lil Spinelli meta kien eżiljat fuq il-gżira ta' Ventotene, irritorna mill-Isvizzera. Bejn l-1946 u l947, huwa kien sar membru ta' l-Assemblea Kostitwenti, kien membru fil-Kabinett ta' Alcide De Gasperi li kien ukoll federalista u Demokristjan.

Meta kien ġie rratifikat it-Trattat tal-Paċi fid-29 ta' Lulju 1947, Einaudi kien qal li,

**"L-għan li jmiss huwa l-Istati Uniti ta' l-Ewropa."**[81]

M'hemmx għalfejn ngħidu li ħadem bis-sħiħ għal dan il-għan u kien ukoll f'post li jista' jaħdem ħafna, għaliex bejn l-1948 u l-1955, kien il-President tar-Repubblika Taljana.

## Jikber il-Moviment Federalista Ewropew

Minnufih wara l-gwerra, Spinelli mexxa b'determinazzjoni l-Moviment Federalista Ewropew li huwa, flimkien mal-priġunieri sħabu tal-gżira ta' Ventotene kienu waqqfu fl-1943 fil-ħanut tal-kotba f'Milan.

Sa l-1947, il-Moviment kellu 15,000 membru, l-aktar fit-Tramuntana minn fejn kien jaħdem Spinelli. Kif għedt aktar qabel, Spinelli kien influwenza biżżejjed lill-partiti politiċi Taljani kollha ħlief lill-Partit Kommunista[82], biex idaħħlu l-federaliżmu fil-programmi tagħhom.

Fis-snin ta' wara l-gwerra kienu qamu ħafna gruppi ta' pressjoni[83] biex imexxu 'l quddiem il-federaliżmu Ewropew. Madankollu, huma kollha kienu gruppi żgħar, ħlief għall-Unjoni Ewropea tal-Federalisti (UEF)[84], li sa nofs is-sena 1947 kellha 150,000 membru, l-aktar fi Franza u l-Italja.

Il-mexxej tagħha kien l-Olandiż Hendrik Brugmans, li kien studja fis-Sorbonne u matul il-gwerra kien ħadem ftit għall-moviment ta' reżistenza Je Maintiendra.

Brugmans ried jagħmel l-Ewropa bħala t-tielet forza bejn "is-soċjaliżmu totalitarju" u "l-kapitaliżmu anarkiku", bejn l-Unjoni Sovjetika u l-Istati Uniti. Brugmans kien favur ir-rivoluzzjoni Russa u kien jaħseb li l-Ewropa kienet tagħmel kisbiet minn ippjanar soċjalista fuq skala kbira.

---

[81] Walter Lipgens (ed) "*Documents on the History of European Integration*" (Berlin) Vol. 3 p167
[82] Partito Communista Italiano
[83] Pressure Groups
[84] European Union of Federalists

## Battalji bejn it-Taljani u l-Franċiżi

Jekk wieħed jistudja l-istorja Ewropea jinduna li l-egħruq ta' l-Unjoni Ewropea tal-Federalisti jmorru lura għar-rivoluzzjoni Franċiża permezz tal-Komun ta' Pariġi[85] ta' l-1871.

Minkejja li kemm it-Taljani kif ukoll il-Franciżi kienu federalisti, kien hemm differenzi u battalji sħaħ bejniethom.

Spinelli u Rossi, li kienu l-mexxejja Taljani, riedu superstat kif kienu fasslu u ħasbu, kemm fuq il-gżira ta' Ventotene kif ukoll fl-Isvizzera, u mhux komunitajiet żgħar kif riedu l-Franċiżi.

Il-Franċiżi diplomatikament urew li kienu jaqblu, imma fil-fatt riedu organizzazzjoni li tirrifletti dak li huma sejjħu "realtijiet soċjali pre-eżistenti", jiġifieri li kienu jeżisti minn qabel.

Fi kliem ieħor, rappreżentanti minn kull qasam u klassi tal-ħajja msejsa fuq il-filosofija ta' Proudhon u l-Komun ta' Pariġi ta' l-1871.

L-ewwel battalja qamet waqt il-Kungress ta' l-Unjoni Ewropea tal-Federalisti ġewwa Montreux, fl-Isvizzera. Il-battalja rebħuha l-Franċiż.

It-tieni battalja li kienet saret f'Ruma s-sena ta' wara, jiġifieri fl-1948, kienu rebħuha t-Taljani. Il-Franċiżi tilfu mhux biss il-battalja, imma anki l-kontroll tal-moviment.

## Altiero Spinelli u Jean Monnet

Hawnhekk nistgħu naraw ukoll l-influwenzi li kellhom ċerti nies u min kien l-aktar li jikkmanda fl-Ewropa. Il-bidu ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa li beda fis-snin ħamsin kien hemm tnejn min-nies li kellhom influwenza kbira.

Wieħed kien Altiero Spinelli u l-ieħor Jean Monnet. It-tnejn kienu jridu li tgħaddi tagħhom, it-tnejn kienu kbar, u ma setgħux jibqgħu t-tnejn flimkien.

Waqt li Spinelli kellu influwenza kbira fl-Italja, Monnet li kien Franciż kellu l-kuntatti l-aktar importanti ma' l-Amerikani, kif ukoll kellu l-vantaġġ li minħabba li kien Franċiż, kien jagħmel parti mill-assi Franċiżi-Ġermaniżi li kienu l-aktar kritiċi.

Monnet kien apposta ma aċċettax sħubija individwali fil-Kumitat ta' Azzjoni għall-Istati Uniti ta' l-Ewropa biex ma jagħtix importanza lil Spinelli, li minn wara l-kwinti kien il-ħin kollu jikkritika l-mixja bil-mod ta' l-Ewropa.

Madankollu, Spinelli kien baqa' jaħdem u jagħmel emendi għal kull abbozz biex bihom imexxi 'l quddiem il-kunċett tiegħu ta' superstat.

Spinelli kien reġa' ħareġ fuq quddiem meta saħħet Monnet bdiet tmur lura u beda jitlef l-influwenza tiegħu.

---

85 Paris Commune

Bejn l-1970 u l-1976, Spinelli kien Kummissarju Ewropew risponsabbli għall-politika industrijali, imbagħad kien Membri Parlamentari fil-Parlament Taljan jirrappreżenta lill-Partit Kommunista.

Fl-istess ħin, huwa kien ukoll Membru Parlamentari Ewropew u kien magħruf li kien kommunista, għalkemm huwa kien iqis lilu nnifsu bħala indipendenti. Tliet snin wara, huwa kien elett fil-Parlament Ewropew fl-ewwel elezzjonijiet. Huwa kien b'saħħtu u jinforza l-ideat tiegħu, imma ma kienx sottili.

Wara li kien miet Monnet, Spinelli reġa' kien fuq quddiem, u l-attentati ta' Margaret Thatcher fl-1980 li riedet tieħu lura l-flus li kien qed iħallas ir-Renju Unit aktar żjiedu d-determinazzjoni ta' Spinelli biex ikompli jmexxi 'l quddiem l-idejat tiegħu għall-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Kif kien għamel de Gaulle qabilha, Thather kienet rebħet fuq il-kumplament ta' l-Istati Membri meta l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit kienet ġiet imnaqqsa, kif kienet reġgħet rebħet erba snin wara.

Hawnhekk tajjeb li l-poplu Malti jkun jaf li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Maltin ikollhom iħallsu madwar miljun Lira mit-taxxi taghna bħala sehemna biex ir-Renju Unit jingħata lura ħlas li jkun għamel.

Dak li tfisser, fost ħafna affarijiet oħra, is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

## Problemi fil-Komunitajiet Ewropej

Il-Komunitajiet Ewropej kienu għaddejin minn kriżi wara l-oħra. De Gaulle kien ħarbat il-pjani tal-federalisti meta kien mexxa 'l quddiem l-idejat tiegħu dwar Ewropa ta' pajjiżi[86] u mhux Stat Federalista.

Fis-snin sebgħin kien hemm ir-riċessjoni kawżata mill-kriżi taż-żejt. Meta s-Sistema Monetarja Ewropea kienet waslet biex isseħħ, ir-Renju Unit ma kienx ingħaqad fis-sistema. Imbagħad kien hemm il-kriżi mar-Renju Unit meta Thatcher talbet flus ir-Renju Unit lura.

## Spinelli u l-Għaqda tal-Kukkudrilli

Meta ra l-isfida ta' Thatcher, Spinelli li dak iż-żmien fl-1980 diġa' kellu 73 sena, kien ħoloq l-Għaqda tal-Kukkudrilli[87]. Huma hadu isimhom mir-ristorant li kienu ltaqgħu fih ġewwa Brussell.

Spinelli u l-moviment tal-kukkudrilli kellhom l-għan li jġiegħlu lill-Parlament Ewropew jagħmel abbozz ta' **Trattat għall-Unjoni Ewropea**, il-pass li kien imiss li kien imur aktar 'il quddiem mit-Trattat ta' Ruma li kien sar ħamsa u għoxrin sena qabel.

[86] Europe of States
[87] Crocodile Club

Spinelli kien jemmen, bħal ma kien jemmen Monnet, li kien meħtieġ Trattat ġdid biex jitfa' aktar lura l-fruntieri ta' l-Istat nazzjon. Sena wara huwa kien irnexxilu jġiegħel lil-Parlament Ewropew jaċċetta l-idea tiegħu u kienet ħaġa naturali li huwa jintagħżel biex jirraporta fuq dan il-proġett.

Il-pjani tiegħu kienu msejsa fuq allejanza bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, li t-tnejn riedu jkabbru l-poter tagħhom a spejjeż tal-Kunsill u ta' l-Istati nazzjon.

Dan minħabba li għalkemm il-Kunsill suppost li huwa l-Kunsill tal-Komunita', il-fatt li huwa magħmul mir-rappreżentati ta' l-Istati Membri u jieħu ċerti deċiżjonijiet kien itellef lill-istituzzjonijiet federali l-oħra speċjalment il-Kummissjoni, fil-ħidma federalista tagħhom.

Dan rajnih ukoll aktar qabel fil-każ "Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill", fejn il-Kummissjoni kienet fetħet il-kawża kontra l-Kunsill fuq il-kwistjoni tal-vot ta' l-Istati Membri fl-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja tal-Ġnus Magħquda.

Għaldaqstant, il-Parlament u l-Kummissjoni kienu allejati naturali ta' Spinelli minħabba li t-tnejn riedu jkabbru s-setgħa tagħhom. Spinelli ried Unjoni li, kif qal,

"**Ikollha s-setgħa unika li taġixxi b'deċiżjonijiet tagħha stess**",

kif ukoll,

"**it-tmiem tal-kooperazzjoni intergovernmentali**",

jiġifieri bejn il-gvernijiet kif kien jiġri fil-Kunsill, affarijiet li huwa kien ilu erbgħin sena jaħdem għalihom sa mill-1945.

Dan kien ifisser li Spinelli ried li l-istituzzjonijiet federali jkunu supremi għal kollox fuq l-Istati Membri u ma jkun hemm xejn li jkun jiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet, imma kollox jiġi deċiż mill-istituzzjonijiet federali u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri sempliċiment jobdu.

## Superstat Federali Ewropew b'Kolp Wieħed

Spinelli ried joħloq is-Superstat Federali Ewropew b'kolp wieħed. Huwa ried li:

- il-Kunsill intergovernmentali Ewropew isir parti mill-Unjoni;
- il-Parlament Ewropew ma jibqax aktar konsultattiv u jsir legislatura formali;
- il-votazzjoni b'maġġoranza tidħol minflok l-unanimita' u anki l-qbil dwar Trattat ġdid kellu jsir b'maġġoranza biex ir-Renju Unit kien jitlef il-votazzjoni u jkollu xorta waħda jaċċetta u jiffirma t-Trattat[88];
- il-Kummissjoni issir l-unika entita' bil-poter eżekuttiv;

[88] U b'hekk ikun pattiha wkoll lill-Margaret Thatcher

- il-poteri tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jkunu msaħħa, u
- il-kontroll ta' l-Unjoni jiżdied biex tidħol anki fuq il-politika barranija u d-difiża.

Huwa ovvju li dawn l-affarijiet ma kinux aċċettati minn Thatcher.

**Il-Karrotta tas-Sussidjarjeta'**

Il-karrotta ta' Spinelli għall-Istati Membri u l-gvernijiet tagħhom kienet il-karrotta tas-sussidjarjeta' li qatt ma kienet maħsuba bħala prinċipju ta' gwida ta' l-Unjoni Ewropea, imma biss bħala karrotta bħal ma tiddendel quddiem il-ħmar biex iġġiegħlu jimxi, imma jimxi kemm jimxi qatt ma jilħaqha.

Is-sussidjarjeta' suppost kellha twassal biex id-deċiżjonijiet jittieħdu fuq l-inqas livell ta' gvern meħtieġ. Huwa kien qal li s-sussidjarjeta' kienet tgħin,

**"It-transizzjoni għal-livell għola ta' Għaqda"**[89]

Is-sussidjarjeta' kienet imsejsa fuq il-Kostituzzjoni Ġermaniża tal-1948, fejn Artiklu 31 tagħha kien jipprovdi li **"Il-liġi Federali tirbaħ fuq il-liġi ta' l-istati"**[90].

Għaldaqstant, is-**Sovranita'** hija **tal-Gvern Federali**[91] u huwa l-Gvern Federali li jiddeċiedi xi kwistjonijiet jew affarijiet jiġu deċiżi aktar l-isfel mill-istati[92].
Dan ifisser li Spinelli kien irnexxielu jgħaddi ż-żmien bl-Istati Membri biex jaċċettaw li s-**Sovranita'** hija ta' l-**Unjoni Ewropea** u mhux tagħhom

Kif jgħaddi biż-żmien liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kull min jgħid li s-**Sovranita'** tissaħħaħ bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, u li l-Maltin u l-Għawdxin se jkunu jistgħu ma jħallux xi liġi jew regolament ta' l-Unjoni Ewropea milli jiddaħħlu u jkunu jgħoddu f'Malta.

L-istess qerq mill-Unjoni Ewropea u mill-mixtrija tagħha li biegħu ruħhom u ġieħhom lill-Unjoni Ewropea.

Ħalli issa nerġgħu lura lejn dak li kien għamel Spinelli. B'dak li għamel Spinelli kien ifisser ukoll li huwa kien irnexxa fil-ħsieb tiegħu li l-Unjoni Ewropea tkun l-Istat Federali Ewropew li jkollu s-Sovranita' li Stat normalment ikollu, waqt li l-Istati Membri ma jkollhomx Sovranita' għax tkun ittieħdet mill-Istat Federali Ewropew, u jkollhom jagħmlu biss u joqgħodu għal dak kollu li jkun iddeċieda l-Istat Federali Ewropew u l-istituzzjonijiet federali tiegħu, jiġifieri l-Unjoni Ewropea.

Tant il-Kapijiet ta' l-Istati Membri kienu tqarrqu, li John Major, li kien Prim Ministru fil-Gvern Konservattiv Ingliż, kien ħaseb li l-prinċipju tas-sussidjarjeta' kien wieħed mill-prinċipju mħarsa u mqaddsa fit-Trattat ta' Maastricht.

---

[89] "Transition to a higher level of union"
[90] "Federal law shall override Lander law"
[91] Politics and Government in the Federal Republic of Germany: Basic Documents, 1984
[92] Lander

Imħallfin mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienu kkonfermaw li s-sussidjarjeta' kienet biss mezz[93] biex jintlaħaq l-għan aħħari ta' Stat wieħed Federali Ewropew.

Waqt seminar qabel l-iffirmar tat-Trattat ta' Maastricht, il-Prim Imħallef tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fost oħrajn, kien qal li s-sussidjarjeta' kienet essenzjalment politika u mhux ġudizzjarja.[94]

Fi kliem ieħor, bħal ma kien intqal dwar il-Kompromess tal-Lussemburgu, dak kien arranġament **politiku** u **mhux ġudizzjarju** u għaldaqstant ma jistax jitqajjem quddiem il-Qorti biex jiġi nfurzat.

Biex wieħed jara kif isir il-qerq, it-Trattat jgħid li s-sussidjarjeta' tapplika biss f'oqsma li ma jaqgħux fil-"**kompetenza esklussiva**" tal-Komunita'.

Għaldaqstant, la ma tkunx kompetenza esklussiva tal-Komunita', xorta waħda diġa' kienet ta' l-Istati Membri li kellhom il-kompetenza li jagħmlu liġijiet u regolamenti huma u dak li taparsi tathom l-Unjoni Ewropea ma kien xejn għaliex diġa' kien għandhom u tagħhom.

Madankollu, wieħed irid jiftakar li la darba l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tidħol f'xi qasam, hija jkollha kompetenza eżklussiva f'dak il-qasam.

Hawnhekk nerġa' nirreferi għall-każ il-Kummissjoni kontra l-Kunsill li semmejt aktar qabel, fejn il-Qorti qablet mal-Kummissjoni li minħabba li l-Unjoni Ewropea kienet daħlet fil-qasam tas-sajd, hija biss kellha l-kompetenza biex tiffirma xi ftehim u mhux aktar l-Istati Membri tagħha.

**Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea kellha kompetenza eżklussiva. Dan huwa biss metodu wieħed ta' kif isir il-qerq mill-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha.**

Fl-1984, il-Parlament kien ivvota biex jirrakkomanda l-verżjoni ta' l-abbozz tat-Trattat ta' Spinelli li kien jaħseb għat-twaqqif ta' Superstat Federali Ewropew f'kemm trodd salib. Kienu biss il-Belġju u l-Italja li kienu talbu biex it-Trattat ikun ukoll ratifikat.

## Il-Kumitat Dooge

Għalkemm Spinelli kien disappuntat li ma kienx irnexxa fil-ħidma tiegħu, l-attentat tiegħu kien ta' ispirazzjoni biex twaqqaf kumitat ieħor taħt is-senatur James Dooge. Ir-rapport ta' Dooge għamel sejħa għal,

**"qabża kwalitattiva" għal "entita politika genwina, jiġifieri Unjoni Ewropea".**

Il-biċċa l-kbira tal-proposti tal-Kumitat Dooge kienu ġew imdaħħla fl-Att Wieħed Ewropew[95] jew fit-Trattat ta' Maastricht[96], imma mhux dak kollu li kien ried Spinelli.

---

[93] A means to an end
[94] Political in essence, not judicial
[95] Single European Act
[96] Treaty on the European Union

Jekk wieħed jara Artiklu 30.2(c) ta' l-Att Wieħed Ewropew, malajr jinduna li għalkemm teknikament il-politika barranija kienet għadha barra mill-kompitu tal-Komunita', imma għall-ewwel darba il-Kummissjoni kellha tkun **"assoċjata għal kollox"** magħha u l-Istati Membri qablu li **"jiżguraw li prinċipji komuni u oġġettivi jiġu gradwalment żviluppati u definiti".**

Il-federalisti dejjem hekk ħadmu. L-ewwel jibdew bil-kooperazzjoni imbagħad bil-mod il-mod kollox isir bilfors.

Araw l-iżviluppi kollha li saru fil-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea u tindunaw li dejjem hekk sar.

Jibdew bil-mod, bil-kooperazzjoni, u jispiċċaw biex kollox jiġi deċiż mill-istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biss u l-Istati Membri jobdu.

Għalkemm ħafna milli ħadmu biex jaslu biex joħolqu l-Unjoni Ewropea bħala Superstat Federali Ewropew mietu qabel ma laħqet saret l-Unjoni Ewropea, u fil-fatt Spinelli li kien wieħed mill-aktar li ħadmu għal dan il-għan kien miet fit-23 ta' Mejju 1986, il-ħidma tagħhom wasslet biex dak li ħadmu għalih intlaħaq meta nħolqot l-Unjoni Ewropea bl-iffirmar u r-ratifika tat-Trattat ta' Maastricht.